Marzu 2019 • Vol 26 • Nru. 1

# IL-PULIZIJA

Xogħolna u ħajjitna fil-Korp




Newspaper Post


Keep healthy, keep going
Scholl® Energizing socks are the perfect dress sock for those with sensitive feet and lower legs, and for those who want the highest quality.
• Great for wearing around the office or on the town, these stylish socks feature a comfortable, non-binding top that won't constrict your legs and a non-irritating toe seam to protect sensitive feet.
• A soft polyester/rayon blend keeps feet dry and anti-odour properties keep feet fresh.
• Scholl's® socks are guaranteed for one full year.
• Light compression technology for a more rejuvenated feeling through your legs
• Standing or sitting for long periods of time makes the legs and feet feel tired and achy.
• Scholl® Socks gives your feet and legs a rejuvenated feeling whether you're traveling, working or on your feet all-day.
Scholl® socks, we know feet
NEW
Scholl
ENERGIZING SOCKS
Scholl
Available from all Scholl Foothealth Centres or buy online: schollcentre.com
Scholl® is a trademark of Reckitt Benckiser Group of companies and are used under licence.

Marzu 2019 • Vol 26 • Nru. 1

IL-PULIZIJA

Xogħolna u ħajjitna fil-Korp

# WERREJ

5. Editorjal

6. Mill-Uffiċċju tal-Kap Eżekuttiv

8. Dan l-aħħar...

17. Itemm l-irwoli tiegħu fis-CEPOL

18. The Malta Police Force Think Tank Sessions

21. L-Isfidi tal-Mara fil-Korp tal-Pulizija

22. Malta Police Association

24. Police Officers Union

26. Police Officers Union (Diċembru 2018)

29. Apprezzamenti u kommendazzjonijiet lill-Pulizija

30. Jum il-Mara

33. Mitt Sena mill-Ġrajjiet tas-Sette Giugno 1919 'il hawn

40. Il-Ħames Qattiela

43. Paġna għat-tfal

45. Paġna tal-isports

53. Il-Bilanċ bejn il-Popolazzjoni u l-Armonija Soċjali

57. International Police Association - Malta Section

58. Malta Association of Retired Police Officers

62. Obitwarju




Ritratt ta' CMRU

08



30



33



45



IL-PULIZIJA

Membri tal-Bord Editorjali:

President: Kap Eżekuttiv Angelo Gafà

Editur: WPS 96 Rodienne Bartolo Haidon

Membri: Supretendent Jesmond Borg
Spettur David Bugeja
WPC 25 Charlene Cilia

Qari tal-Prova: WPS 3 Joanna Vella
WPS 96 Rodienne Bartolo Haidon

Il-Pulizija tirringrazzja lid-ditti u l-aġenti tar-reklamar li għoġobhom jagħtu l-għajnuna tagħhom. L-artikli li jidhru f'dan il-magażin ma jirriflettux bilfors l-opinjoni tal-Bord. Kull korrispondenza għandha tkun ittajpjata u għandha tintbagħat fl-indirizz hawn taħt:

Editur, "Il-Pulizija", C.M.R.U.,
Police Headquarters, Floriana, VLT 2000
jew magazine.police@gov.mt

Disinn u riklamar

Ability Publications Ltd.

Tel: 21 241317

e-mail: refer@maltanet.net

Stampar

GUTENBERG PRESS




BOV PERSONAL LOANS

# THE CHOICE
# **IS ALWAYS YOURS**

Whatever you choose you can bring your decision to life
with a Bank of Valletta Personal Loan.

All loans are subject to normal bank lending criteria and final approval from the Bank. The term of the loan must not go beyond retirement age.

More information is available from **www.bov.com** or contact **2131 2020**.

Issued by Bank of Valletta p.l.c., 58, Triq San Żakkarija, Il-Belt Valletta VLT 1130

Bank of Valletta p.l.c. is a public limited company regulated by the MFSA and is licensed to carry out the business of banking in terms of the Banking Act (Cap. 371 of the Laws of Malta).

**BOV**
Bank of Valletta

# Editorjal

Ħaqqna proset! Żgur li ħafna semgħu li l-*Crime Report* tal-2018 wera li kien hemm tnaqqis sostanzjali fil-kriminalità kif ukoll żieda ta' fiduċja fil-Korp tal-Pulizija. Dawn iċ-ċifri żgur ma ġewx mix-xejn iżda bis-saħħa tax-xogħol li jsir min-naħa tagħna l-Pulizija, kemm dak li jidher u anke dak li ma jidhirx. Ilkoll ħaqqna proset talli kull wieħed u waħda minna kienu b'xi mod parti minn dan is-suċċess. Informazzjoni iżjed dettaljata rigward dan l-istħarriġ tinsab fl-artiklu tal-Kap Eżekuttiv.

U la qegħdin fix-xahar ta' Marzu ma jistax jonqos li bħal kull sena niddedikaw din l-edizzjoni lill-Pulizija nisa. Ħsibna biex din is-sena nwasslulkom esperjenzi ta' nisa minn xogħlijiet kemmxejn partikolari fil-Korp, bil-ħsieb li nuru kif evolva x-xogħol u l-irwol tal-mara anke fl-iżgħar rankijiet.

Riċentement kien hemm xi tibdil fil-bord editorjali ta' dan il-magażin u nieħu din l-opportunità biex nirringrazzja lill-membri l-ġodda li aċċettaw li max-xogħol tagħhom jieħdu din ir-responsabbiltà. Il-ħidma fuq ideat ġodda bdiet mill-ewwel, fejn bħalissa għaddejjin b'diskussjonijiet u arranġamenti biex għal Ġunju nwasslulkom magażin b'differenza, edizzjoni li se tkun l-ewwel darba tax-xorta tagħha.

Minn din l-edizzjoni ukoll, il-membri tal-Korp ma rċevewx il-magażin ġewwa l-posta tad-dar iżda nġabar mingħand il-Maġġur rispettiv jew mill-uffiċċju tas-CMRU. Waħda mir-raġunijiet kienet li kien qed ikollna ilmenti mill-Pulizija li għal xi raġuni l-magażin mhux jasal minħabba problemi fil-posta jew qed jiġi mgħaffeġ biex jiddaħħal ġol-kaxxa tal-ittri, kif ukoll ammont ta' magażins li kienu qed jiġu lura minħabba problema fl-indirizz u għaldaqstant ħsibna li jkun aħjar li dan jibda jitqassam internament. Is-sistema tal-pensjonanti se tibqa' l-istess peress li fuq din riċentament sar eżerċizzju li jidher li qed jaħdem tajjeb.

Grazzi.

*L-Editur*

rodienne.bartolo@gov.mt

J.B. Sorotto Limited Malta

SOROTTO

**Port Agency | Brokerage | Vessel Registration | Corporate Services** Est 1877




www.jbsorotto.com.mt info@jbsorotto.com.mt Tel: +356 222 96 600

J. B. Sorotto Limited, Exchange Buildings, Republic Street, Valletta VLT 1117, Malta

J.B. Sorotto Limited is registered to act as a Company Service Provider by the Malta Financial Services Authority.

# Mill-Uffiċċju tal-Kap Eżekuttiv



Għeżież kollegi,

Waqt konferenza tal-aħbarijiet fil-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija fi Frar li għadda l-Onorevoli Ministru tal-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali kif ukoll l-Onorevoli Segretarju Parlamentari għall-Fondi Ewropej u Djalogu Soċjali ħabbru kif il-Korp tal-Pulizija ser ikun qed jinvesti f'teknoloġija avvanzata, fil-maġġor parti ffinanzjata minn fondi Ewropej, bil-għan li l-ħidma tal-Korp tevolvi f'waħda aktar proattiva u għaldaqstant waħda ffukata fuq il-prevenzjoni tal-kriminalità.

Il-prevenzjoni tar-reati kienet sa minn dejjem meqjusa bħala funzjoni primarja tal-Korp tal-Pulizija. Tant hu hekk li l-missjoni li tigwida l-operat tal-Korp tispeċifika li l-funzjoni primarja tagħna hija dik li 'Inħarsu u nżommu lil Malta bħala stat sikur'. Anke jekk wieħed kellu janalizza l-għanijiet ewlenin tal-Korp isib li l-Kap. 164 tal-Liġijiet ta' Malta jelenka prinċipalment iż-żamma tal-ordni u l-paċi pubblika kif ukoll li ma jħallix li jsiru reati. Wara kollox, fi kliem Sir Robert Peel (1829) li huwa meqjus bħala missier il-pulizija moderna, 'the test of police efficiency is the *absence* of crime and disorder, not the *visible* evidence of police action in dealing with them'.

Tajjeb wieħed jirrimarka li fl-aħħar sentejn ġie rreġistrat tnaqqis fir-reati rrappurtati lill-pulizija, bi tnaqqis drastiku ta' 7% fl-2018. U dan it-tnaqqis sar filwaqt li l-ekonomija tal-pajjiż kibret b'rata mgħaġġla, f'sitwazzjoni fejn in-numru ta' turisti li żaru Malta fl-2018 kien ilaħħaq it-2.6 miljuni, żieda ta' 13% fuq is-sena ta' qabel, kif ukoll f'xenarju fejn il-popolazzjoni residenti f'Malta qed tiżdied b'aktar minn 10,000 ruħ fis-sena u dan peress li aktar ħaddiema barranin qed isibu opportunitajiet ta' xogħol f'pajjiżna. F'xenarju bħal dan, wieħed kien jistenna li r-rata tal-kriminalità kellha tikber bl-istess proporzjon. Iżda dan ma ġarax u dan grazzi għall-ħidma aktar proattiva li qed jaddotta l-Korp tal-Pulizija.

L-effetti ta' din il-ħidma effettiva bdew jinħassu sew mill-pubbliku tant li r-riżultati ta' Eurobarometer Survey ippubblikati f'Diċembru li għadda wrew li l-fiduċja tal-poplu Malti u Għawdxi fil-Korp tal-Pulizija żdiedet b'ċifra fenomenali ta' 15%, l-akbar żieda fost il-membri stati tal-Unjoni Ewropea (UE). B'hekk illum il-ġurnata 68% tal-popolazzjoni għandha fiduċja fil-Korp tal-Pulizija Malti, figura li tikkumparana tajjeb ħafna ma' korpi oħra Ewropej.

Il-wegħda tagħna mal-poplu Malti u Għawdxi hija li min-naħa tagħna ser inkomplu nintensifikaw din il-ħidma proattiva u dan billi nkomplu nevolvu ħidmet il-Korp għal waħda msejsa fuq il-kunċett ta' intelligence-led policing, prinċipalment billi naddottaw sistemi analitiċi tal-ogħla livell u naturalment nies imħarrġa biżżejjed biex joperaw dawn l-għodod moderni bl-aktar mod effettiv.

L-analiżi ta' data tal-passat bl-għodod teknoloġiċi tista' tassistina billi nipprevedu x'reati jistgħu jitwettqu, minn min, fejn u meta. B'dan il-mod ser inkunu eventwalment nistgħu nużaw ir-riżorsi tagħna b'mod aktar effiċjenti u dan billi nidentifikaw individwi meqjusa ta' riskju għoli kif ukoll postijiet li l-aktar jirrikjedu preżenza ta' pulizija. Għaldaqstant ser inkunu qed niffukaw l-attenzjoni tagħna fuq l-aggressuri, l-immaniġġjar ta' hotspots ta' kriminalità, l-investigazzjonijiet ta' reati li jkunu konnessi ma' xulxin kif ukoll li nikkreaw forom ta' koperazzjoni fil-lokalitajiet tagħna sabiex innaqqsu l-kriminalità.

Fl-aħħar xhur il-Korp saħħaħ it-Taqsima tal-Analiżi tar-Reati bl-akkwistar ta' software analitiku kif ukoll bl-assenjar ta' uffiċjali kkwalifikati. Dan huwa biss il-bidu għaliex din is-sena ser inkunu qed insaħħu din it-taqsima kif ukoll taqsimiet oħrajn, inkluż is-Cyber Crime Unit u l-Financial Crime Department, b'analisti pajżana

kkwalifikati f'dan il-qasam. Aktar minn hekk, kif indikat fl-introduzzjoni, bdejna nimplimentaw proġett li jaqbeż il-miljun ewro. Dan l-investiment ser jassigura aktar interoperibilità bejn sistemi interni tal-Korp kif ukoll ma' sistemi ta' entitajiet oħra. Naturalment, element essenzjali minn dan il-proġett ser ikun it-taħriġ lill-analisti li ser ikunu qed jaħdmu fuq dawn is-sistemi.

U ġaladarba qed nitkellmu fuq l-investiment fil-Korp tal-Pulizija, tajjeb jiġi rrimarkat li din is-sena l-Korp ġie allokat €2.5 miljuni għal infiq kapitali. Dan jammonta għal miljun u nofs ewro aktar mill-allokazzjoni tas-sena l-oħra. Hawnhekk irid jingħad li l-medja ta' dan il-vot sas-sena 2017 kienet tammonta għal madwar €420,000. Huwa ta' sodisfazzjon kbir għalija u għall-kollegi tiegħi li naħdem magħhom id f'id kuljum li f'sentejn irnexxielna nkabbru dan il-vot essenzjali b'sitt darbiet. Dawn il-flus ser ikunu qed jintużaw sabiex, fost oħrajn, niffinanzjaw l-immodernizzar tal-vetturi, ir-rinnovar tal-għases, il-binja ta' għassa ġdida f'Marsaskala, sistemi ta' sigurtà fl-għases, apparat għall-RIU u l-SIU, xiri ta' klieb u żwiemel kif ukoll l-introduzzjoni ta' body-worn cameras.

Apparti l-fondi lokali, il-Korp tal-Pulizija bħalissa qed jimmaniġġja madwar 30 proġett kofinanzjati minn fondi Ewropej b'valur globali ta' madwar €20 miljun. Dawn il-proġetti jkopru firxa vasta tax-xogħol tal-Korp, primarjament is-sigurtà fil-fruntieri, it-terroriżmu, il-forensika, il-migrazzjoni, is-cyber crime, l-analiżi tal-kriminalità u s-sapport lill-vittmi tar-reati.

Nagħlaq billi nirringrazzja lil dawk kollha li b'xi mod jew ieħor jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni ta' dawn il-proġetti li l-għan aħħari tagħhom huwa li nżidu l-effettività u l-effiċjenza f'xogħolna sabiex b'hekk inkomplu nħarsu u nżommu lil Malta bħala stat sikur.

DOMINE DIRIGE NOS

ceo.police@gov.mt



# Dan l-aħħar...

minn WPC 25 Charlene Cilia - CMRU

Nhar is-Sibt, 17 ta' Novembru 2018, fl-okkażjoni ta' Jum Paola, is-Soċjetà Filarmonika 11 ta' Frar ta' Raħal Ġdid għoġobha tirregala marċ mużikali bl-isem ta' *Blue Light*. Il-marċ ġie miktub mill-bandist tal-Għaqda, Adrian Sciberras.

Il-marċ ġie mgħoddi lid-Deputat Kummissarju Dr Mario Spiteri mis-Sindku ta' Raħal Ġdid, is-Sur Dominic Grima, waqt Programm Strumentali li ġie organizzat f'Jum Paola ħalli dan ikun jista' jindaqq mill-Banda tal-Korp.

F'din l-okkażjoni, ġie wkoll onorat il-Kuntistabbli (illum Surġent) Simon Schembri li ħa l-unur ta' Jum Paola.

Fis-6 ta' Jannar 2019, ġewwa l-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, il-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali Dr Michael Farrugia flimkien mal-Kummissarju tal-Pulizija s-Sur Lawrence Cutajar, ippresedew waqt ċerimonja tal-għoti tal-premijiet tal-Korp tal-Pulizija. B'kollox 32 membru tal-Korp ingħataw iċ-ċertifikat ta' kommendazzjoni u ta' mertu.

Fost il-membri li ġew ippremjati, is-Surġent Simon Schembri, li sa dakinhar kien għadu Kuntistabbli ngħata l-premju tal-Pulizija tas-Sena 2018 u dan talli ta servizz eċċellenti lill-komunità waqt is-servizz tiegħu waqt li kien dettaljat fis-sezzjoni tat-traffiku. Filwaqt li membri oħra tal-Korp ingħataw ċertifikat ta' mertu, 46 eks-membru tal-Korp ingħataw ċertifikat u tifkira wara li rtiraw mis-servizz is-sena li għaddiet u servew fil-Korp għal 25 sena jew aktar.

Ix-shield għas-sena 2018 ġie mirbuħ minn Distrett 1, wara li dan id-Distrett irnexxielu jnaqqas ir-rata ta' kriminalità b'marġni sostanzjali.



Your Event

MADE PERFECT WITH
**CAMILLERI CATERERS**



CC&S
CATERERS
C.CAMILLERI & SONS (CATERING) LTD.

PRIVATE CATERING TAILORED TO YOUR NEEDS

T. 21 472 255 | E. INFO@CAMILLERICATERING.COM

WWW.CAMILLERICATERING.COM


WE'RE
STRONGER
TOGETHER
AIG
Montaldo Insurance
AGENCY LIMITED
98/2, Melita Street, Valletta VLT 1120 Tel: 21 238 500 e-mail: info@montaldoinsurance.com
A company authorised to act as an insurance agent, regulated by the Malta Financial Services Authority
Malta General Agents for AIG Europe S.A. an insurance undertaking with R.C.S. Luxembourg number B 218806. Head Office at 35 D Avenue John F. Kennedy, L-1855, Luxembourg

Fid-diskors tiegħu l-Ministru tenna li din hija okkażjoni ta' rikonoxximent tal-ħidma fis-skiet li jagħmlu l-uffiċjali tal-Pulizija u li ħafna drabi ma tiġix irrapurtata. Filwaqt li faħħar ix-xogħol kontinwu tal-Pulizija, il-Ministru qal li hu kburi bis-suċċessi tal-Korp miksuba fl-aħħar xhur. Il-Ministru għalaq id-diskors tiegħu b'messaġġ fejn jinkoraġġina sabiex inkomplu naħdmu għall-ġid u għas-sigurtà tal-poplu Malti u Għawdxi. Qalilna wkoll sabiex nibqgħu magħqudin bejnietna bħala *team* wieħed u ma nħallu lil ħadd u xejn jifridna.

Il-Kummissarju tal-Pulizija Lawrence Cutajar qal li din iċ-ċerimonja hija għal qalbu kemm għax diversi uffiċjali li marru oltri minn dak mistenni minnhom fix-xogħol jingħataw rikonoxximent kif ukoll għax hija okkażjoni fejn jiltaqa' mal-eks kollegi.

Il-Kummissarju ma naqasx li jsemmi li s-sena li għaddiet kienet waħda ta' suċċessi għall-Korp fejn tidħol il-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata però s-sena l-oħra wkoll ġabet magħha mument diffiċli u iebes ħafna għall-Korp tal-Pulizija u dan kien l-inċident ta' Simon Schembri. Huwa tenna li l-premju li ngħata lil Simon ma ngħatax minħabba l-inċident imma wkoll għall-affarijiet kollha li kellu l-kuraġġ iwettaq. Is-Sur Cutajar għalaq id-diskors tiegħu b'ringrazzjament lejn il-Ministru, lill-Kap Eżekuttiv tal-Korp kif ukoll lill-uffiċjali u l-membri kollha fi ħdan il-Korp tal-Pulizija.

F'ċerimonja qasira nhar il-21 ta' Jannar 2019, l-Uffiċjal Simon Schembri nħatar fil-kariga ta' Surġent. Ippresedew waqt iċ-ċerimonja l-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali Michael Farrugia u l-Kummissarju tal-Pulizija s-Sur Lawrence Cutajar. Attendew ukoll il-Kap Eżekuttiv tal-Korp is-Sur Angelo Gafà, uffiċjali għolja fil-Korp u s-Segretarju Permanenti tal-Ministeru s-Sur Kevin Mahoney.

Kemm il-Ministru kif ukoll il-Kummissarju f'diskors qasir qalu li ċ-ċerimonja ta' llum hi importanti għall-Korp u dan għaliex turi r-riżultat tax-xogħol li rnexxielu jikseb Simon Schembri wara l-inċident. Huma qablu li l-ħidma li wettaq Simon kienet ta' ispirazzjoni kbira għalih u għall-membri kollha tal-Korp. Nawguraw minn qalbna lis-Surġent Simon Schembri.



Ċerimonja oħra ppreseduta mill-Ministru Michael Farrugia u l-Kummissarju tal-Pulizija Lawrence Cutajar, nhar it-23 ta' Jannar fejn ġew inawgurati 15-il mutur tat-traffiku għall-Korp tal-Pulizija. Il-muturi tal-għamla BMW inxtraw b'investiment ta' iktar minn €210,000 sabiex ikomplu jimmodernizzaw is-Sezzjoni tat-Traffiku.

Tajjeb li wieħed isemmi li għaddej investiment kontinwu fis-Sezzjoni tat-Traffiku fejn anki ġew introdotti *life saving vests, crash helmets* u *body cameras* sabiex itejbu s-sigurtà tal-membru ta' din is-sezzjoni.

Bħalissa qed ikompli għaddej ukoll il-proċess biex jiġu mmodernizzati l-għases madwar Malta u Għawdex, fosthom il-bini tal-Għassa l-ġdida ta' Wied il-Għajn u rrenovar tal-Għassa ta' Bormla. L-Għassa tan-Naxxar fejn propju seħħet din iċ-ċerimonja għadha kemm ġiet inkorporata bi *branding* li jirrifletti l-*corporate image* tal-Korp, kif ukoll ġiet mgħammra b'aċċess għal persuni bi bżonnijiet speċjali, kif ukoll inħolqot kamra biex il-vittmi tar-reati jew persuni oħra jiġu mitkellma b'mod kunfidenzjali.




Il-bank tiegħek fil-qalb tal-komunità
L-HSBC huwa l-bank li jinsab fil-qalba tal-komunità tiegħek. B'għarfien internazzjonali u esperjenza lokali, aħna nistgħu ngħinuk tieħu ħsieb aħjar il-finanzi tiegħek. Il-fergħat tagħna huma miftuħin kuljum f'diversi lokalitajiet madwar Malta u Għawdex, b'xi wħud mill-fergħat joffru wkoll servizz ta' filgħaxija.
Għalhekk ejja żurna u flimkien niddiskutu l-bżonnijiet bankarji tiegħek. L-impjegati tagħna, kollha mħarrġa fil-customer service u mmexxija minn branch manager b'esperjenza kbira fil-qasam bankarju jinsabu ħerqana biex ikunu ta' servizz għalik.
HSBC Malta Foundation
ĊEMPEL 2380 2380
ŻUR hsbc.com.mt
MUR fl-eqreb fergħa
HSBC
Together we thrive
Approvat u maħruġ mill-HSBC Bank Malta p.l.c. 116, Triq l-Arċisqof, Valletta VLT1444. 100552 – 02/2018

M/V SAINT JOHN PAUL II

THE HI-TECH MALTA/SICILY HIGH SPEED SEA CONNECTION




VIRTU FERRIES

DISCOVER SICILY

ON BOARD OUR SUPER-FAST CATAMARAN

THE LARGEST HIGH SPEED CATAMARAN IN THE MEDITERRANEAN

For further information
call on 2206 9022
WWW.VIRTUFERRIES.COM

Fl-1 ta' Frar 2019, ġewwa l-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, il-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali Michael Farrugia flimkien mas-Segretarju Parlamentari għall-Fondi Ewropej u Djalogu Soċjali Aaron Farrugia, ippresedew konferenza stampa fejn taw spjegazzjoni tas-*software* u l-*hardware* li se jinxtraw minn fondi Ewropej u li se jintużaw mill-Korp tal-Pulizija fil-ġlieda kontra l-frodi u li jgħinu sabiex jiġu identifikati gruppi kriminali.

Dan il-*hardware* se jgħin sabiex jiġu evitati u miġġielda l-frodi, il-korruzzjoni u kwalunkwe attività illegali, bil-ħsieb li jiġu protetti l-interessi finanzjarji ta' Malta u l-Unjoni Ewropea, partikolarment f'operazzjonijiet transkonfinali.

Il-Pulizija se jkunu qed jattendu għal taħriġ dwar l-użu u l-manutenzjoni tas-*software* u *l-hardware.*

Wara li fis-16 ta' Jannar 2019 ġewwa l-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija saret laqgħa bejn membri tal-Korp u s-Sur Fredrick Attard mill-Ministeru tas-Saħħa, ġie milquħ ftehim fejn il-Pulizija kienet ser tippromwovi u tħajjar lin-nies b'mod partikolari membri tal-Korp tal-Pulizija sabiex jinkitbu bħala donaturi tal-organi.

Kien umbagħad nhar il-11 ta' Frar 2019 fejn saret preżentazzjoni ġewwa l-*Officers' Mess* tal-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija u dakinhar iltaqgħu l-Maġġuri jew rappreżentanti minn kull distrett u sezzjoni u ngħataw numru ta' formoli sabiex jitqassmu lill-membri li huma mħajra jinkitbu bħala donaturi.

Nappellaw lill-membri tal-Korp sabiex jekk għandkom il-ħajra li tkunu donaturi tal-organi u tgħinu sabiex jistgħu jiġu salvati l-ħajjiet tan-nies, timlew il-formola u ppruvaw ħajru lil ħaddieħor sabiex jagħmel l-istess.









## Where to contact us

A: Smart Shopping Complex, Naxxar Road, Birkirkara, BKR 9042, Malta
T: +356 2144 2728
E: info@smart.com.mt
W: www.smart.com.mt
FB: www.facebook.com/smartsupermarket

## Opening hours

| | |
|---|---|
| Monday | 07.00 to 20.00 |
| Tuesday | 07.00 to 20.00 |
| Wednesday | 07.00 to 20.00 |
| Thursday | 07.00 to 20.00 |
| Friday | 07.00 to 21.00 |
| Saturday | 07.00 to 20.00 |
| Sunday | 09.00 to 18.00 |

### Special Opening Hours

| Tuesday 19th March | Sunday 31st March | Friday 19th April | Sunday 21st April |
|---|---|---|---|
| Feast of St. Joseph | Freedom Day | Good Friday | Easter Sunday |
| 9am to 6pm | 9am to 6pm | CLOSED | CLOSED |

Like us on Facebook

Follow us on Instagram

TESCO products Exclusively at Smart Supermarket

# Itemm l-irwoli tiegħu fis-CEPOL

Nhar il-21 ta' Novembru, 2018, id-Deputat Kummissarju Mario Spiteri, temm, minħabba ċirkostanzi personali, l-inkarigu tiegħu bħala Membru tal-Bord tal-Immaniġġjar tas-CEPOL kif ukoll bħala l-Kap tal-Unità Nazzjonali (CNU) u l-Kordinatur tal-Programm tal-Iskambjar (CEP) tal-istess Aġenzija tal-Unjoni Ewropea ddedikata biex tiżviluppa, timplimenta u tikkoordina t-taħriġ għall-uffiċjali li jinfurzaw il-liġi.

Id-Deputat Kummissarju Spiteri kien ilu għal dawn l-aħħar tnax-il sena jirrappreżenta 'l Malta u jservi f'dan il-Kulleġġ Ewropew. Hu beda l-impenji tiegħu fl-2006 fil-Presidenza Awstrijakka tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u spiċċa s-sena l-oħra, fi Vjenna, fl-istess Presidenza.

Id-Direttur Eżekuttiv tas-CEPOL, Detlef Schroeder, kellu kliem ta' tifħir għad-Deputat Kummissarju Spiteri fejn qal li dan kien dejjem leali lejn l-Aġenzija u qeda dmirijietu f'din l-organizzazzjoni matul is-snin bi professjonalità kbira. Bħala turija ta' ringrazzjament, id-Deputat Kummissarju Spiteri ġie mogħti tifkira mis-Sur Schroeder fil-preżenza taċ-Ċerpersin tal-Bord tal-Immaniġġjar tas-CEPOL, is-Sur Norbert Lietner.




Issa, l-irwol ta' Membru tal-Bord tal-Immaniġġjar ġie mgħoddi lill-Kap Eżekuttiv tal-Korp, is-Sur Angelo Gafà. Is-Supretendent Kenneth Haber hu l-Kap tal-Unità Nazzjonali tas-CEPOL filwaqt li l-Ispettur Jurgen Vella hu l-Kordinatur tal-Programm tal-Iskambjar.

magazine.police@gov.mt

The Malta Police Force

# Think Tank Sessions

minn WPS 96 Rodienne Bartolo Haidon

*"Fid-dinja tal-lum l-uniku ħaġa kostanti hija l-bidla, u għalhekk il-Korp tal-Pulizija ta' Malta qiegħed il-ħin kollu jfittex metodi ġodda biex jirriforma lilu nnifsu u javvanza l-operazzjonijiet tiegħu sabiex ikun jista' jservi aħjar lill-komunità u lilek. Bħala membri tal-Korp tal-Pulizija ta' Malta napprezzaw l-opinjoni tagħkom u nemmnu li l-ideat tagħkom kemm jekk żgħar u kemm jekk ambizzjużi, jistu' jagħtu kontribut siewi għas-suċċess tal-Korp. Għal din ir-raġuni ddeċidejna li nintroduċu Think Tank Sessions fuq bażi regolari."*



Din kienet l-introduzzjoni ta' email li l-membri kollha tal-Korp irċevew fil-15 ta' Novembru 2018. Email li kienet invit għall-ewwel *Think Tank Session* li saret fil-Korp. Is-suġġett magħżul għall-ewwel sessjoni kien wieħed li jolqot lil kulħadd – l-Uniformi l-Ġdida.

Dawn is-sessjonijiet huma organizzati mill-uffiċju tas-CEO, iżda ddeċidejt li nikteb dan l-artiklu wara li attendejt għall-ewwel sessjoni u xtaqt li naqsam din l-esperjenza pożittiva magħkom. Diversi kollegi oħra minn distretti u branki differenti attendew għal din is-sessjoni, però meta tqis li s-suġġett jinteressa daqshekk Pulizija, żgur li stajna konna iżjed.

Ikolli nametti li għall-kontra tal-impressjoni li mort biha, din is-sessjoni kienet waħda interattiva immens, bil-kamra ssettjata apposta f'ċirku li jġiegħlek tħossok komdu biex titkellem mingħajr ħafna formalità żejda. Wara introduzzjoni qasira, kull min kien preżenti kellu ċans li jara mill-viċin u jmiss il-materjal tas-*samples* tal-uniformi li kienet qed tiġi proposta, imma mhux biss, kull persuna li kien hemm ingħatat iċ-ċans li tagħti l-kontribut u l-opinjoni tagħha. Minn din is-sessjoni ħarġu wkoll suġġerimenti ta kif jistgħu jinbidlu ċertu affarijiet f'dak propost, biex kemm estetikament kif ukoll mill-aspett prattiku l-uniformi l-ġdida tkun aħjar. Sa ġimgħa wara kull min kien f'din is-sessjoni rċieva aġġornament tas-*sample* hekk kif maqbul mill-maġġoranza tal-grupp.




Jalla dawn is-sessjonijiet b'suġġetti differenti jkomplu jiġu organizzati kif pjanat u nħeġġiġkom biex tattendu u nieħdu l-opportunità li nwasslu s-suġġerimenti tagħna mhux biss bejnietna l-uffiċċju jew ġol-għassa imma għand min jista' jimmaterjalizza l-ideat tagħna.

rodienne.bartolo@gov.mt

# AWARD-WINNING INNOVATION

## SIG P320




The new standard in polymer frame striker fired pistols.
Winner of multiple government contracts,
including that for the adoption of a new service pistol
by the U.S. Armed Forces.

- 9x19 Para/.40S&W/.357SIG/.45ACP
- Modular system
- Large choice of models
- Various configurations
- 15/17/21 round capacity




## SIG P365

The best things come in small packages.
Winner of numerous 'Handgun of the Year' awards.

- 9x19 Para
- 147mm overall length
- 26mm overall width
- 500 g weight
- 10 round capacity

Lock, Stock & Barrel

**LOCK, STOCK & BARREL Gunshop**
Phoenix Business Centre, Triq il-Blata l-Kahla, Sta. Venera SVR 9022, Malta
Tel: 2148 0118 • Mob: 9947 1091
e-mail: info@lsb-malta.com • web: www.lsb-malta.com




# San Tumas

Triq Gnien Imrik/ Triq Liberat Grech
Xaghra,Gozo

Accessed and situated on 2 streets in a quiet yet central area of Xaghra, this development capitalises on the difference in street levels and creates a mix of large residential units consisting of Maisonettes, Apartments and penthouses. Some also enjoy views while all have large terraces and optional interlinked garages.

130 sqm
Shell inc. Common Parts
**€99,000**




Karkanja
PROPERTY DEVELOPMENT

www.karkanja.com 21565991/7988 8879 info@karkanja.com

# L-Isfidi tal-Mara fil-Korp tal-Pulizija

*Employee Support Programme Unit*

F'bosta pajjiżi, l-uffiċjali tal-pulizija nisa huma minoranza fi ħdan il-Korp. Filwaqt li kemm in-nisa kif ukoll l-irġiel huma mistennija jwettqu l-istess dmirijiet ta' Pulizija, dawn id-dmirijiet iġibu magħhom sfidi differenti u dan l-artiklu se jiffoka fuq l-isfidi ewlenin li l-uffiċjali tal-pulizija nisa jistgħu jiffaċċjaw fil-qadi ta' dmirijiethom.

Waħda mill-isfidi ewlenin li għandhom l-uffiċjali tal-pulizija nisa hija relatata mal-preġudizzju bejn is-sessi u l-abilitajiet fiżiċi. Wieħed jifhem li uffiċjal tal-pulizija femminili jista' jkun fiżikament iżgħar fl-istatura u ta' saħħa fiżika differenti minn uffiċjal maskili. Madankollu, is-saħħa fiżika ma tbassarx l-effettività ġenerali tal-pulizija u lanqas il-ħila li tindirizza sitwazzjonijiet perikolużi.

Barra minn hekk, ir-riċerka tindika li l-uffiċjali tal-pulizija nisa mhux neċessarjament jużaw forza fiżika eċċessiva jew ikunu involuti fil-ġlied jew l-aggressjoni waqt li jkunu fuq ix-xogħol għax jiddependu aktar fuq ħiliet interpersonali aktar milli fuq forza fiżika. Fil-fatt, ir-riċerka turi li n-nisa jfittxu iżjed li jużaw il-komunikazzjoni biex jindirizzaw sitwazzjonijiet potenzjalment instabbli u għalhekk iġibu sett ta' ħiliet partikolari u bżonjużi għal kultura tradizzjonalment iddominata mill-irġiel. Wieħed mill-aktar oqsma fejn in-nisa fil-pulizija jistgħu jagħmlu differenza huwa fl-indirizzar tal-vjolenza kontra n-nisa u reati sesswali. Pereżempju, f'każijiet ta' vjolenza sesswali, il-vittma tista' tħossha aktar komda titkellem ma' mara. Intant, minħabba li huwa iktar aċċettabli għan-nisa li jkunu vulnerabbli u juru l-emozzjonijiet tagħhom, każijiet diffiċli u tqal emozzjonalment kapaċi jkunu proċessati aħjar minn pulizija nisa minħabba l-fatt li kollegi rġiel isibuha aktar diffiċli biex juru l-emozzjonijiet tagħhom.

Ix-xewqa li tkun magħruf bħala uffiċjal tajjeb hija sors ta' motivazzjoni fost il-pulizija u nuqqas ta' dan jista' jkun demoralizzanti ħafna. Li ma jkunux meqjusa u rikonoxxuti mill-kollegi hija sfida oħra li pulizija nisa jistgħu jiffaċċjaw meta jingħaqdu mal-Korp. Pulizija nisa jiffaċċjaw il-preġudizzji tas-soċjetà meta jiġu meqjusa bħala aktar dgħajfa meta mqabbla mal-kollegi maskili. Għaldaqstant, ħafna uffiċjali nisa jirrappurtaw ukoll li jħossu li għandhom jaħdmu iżjed biex jiġġustifikaw il-kapaċitajiet tagħhom.

Sfidi oħra partikolari għal pulizija nisa jinkludu l-mod kif jesperjenzaw ċerti sitwazzjonijiet diffiċli fuq ix-xogħol, il-bilanċ bejn il-familja u x-xogħol u l-esperjenza tat-tqala. Għalkemm l-isfida biex jinstab bilanċ bejn ix-xogħol u l-familja taffettwa kemm l-irġiel kif ukoll lin-nisa, tista' tagħmilha iktar diffiċli għan-nisa biex ma jkunux preżenti għall-avvenimenti tal-familja bħal festini u attivitajiet tat-tfal. Meta jsiru ommijiet, pulizija nisa kapaċi jħossu li tilfu mill-progress professjonali li jkunu għamlu qabel it-tqala, speċjalment meta jkun hemm opportunitajiet biex jimxu 'l quddiem fil-karriera minħabba l-perċezzjoni li r-responsabbiltajiet u l-kura tat-tfal jagħmluhom inqas iddedikati.

Għalkemm ix-xogħol tal-pulizija jibqa' ddominat mill-irġiel, madankollu pulizija nisa għandhom ħiliet partikolari u għalhekk importanti li jiġi żgurat li dawn il-ħiliet ma jintilfux minħabba aspettattivi u perċezzjonijiet mhux realistiċi tas-soċjetà.

Għal iktar informazzjoni dwar l-*Employee Support Programme* u s-sapport ipprovdut, tista' tikkuntattja lill-*Employee Support Programme* fuq 2200 1210 jew fuq esp.opm@gov.mt jew żur is-sit elettroniku www.esp.gov.mt

# Malta Police Association

## Your Independent Union

minn Marlon Hili - Segretarju Generali MPA

Nixtieq nibda billi nirringrazzja lill-Korp tal-Pulizija u lil dawk kollha responsabbli minn dan il-magażin tal-opportunità li qiegħed jagħti lill-*Unions* tal-Pulizija sabiex jesprimu ruħhom f'dawn il-paġni li żgur huma segwiti mill-Membri tal-Korp.

Nixtieq nibda billi nitkellem ftit dwar l-amministrazzjoni tal-*Malta Police Association* fejn żgur stajtu tinnotaw xi kambjamenti importanti matul dawn l-aħħar xhur. Bidla prinċipali kienet ovvjament il-kumitat il-ġdid li hu ffurmat mill-President il-ġdid Alexander Schembri, minni Marlon Hili u kif ukoll minn Andy Bellia, Sandro Mallia, Neville Mercieca, Wayne Borg, Alfred Cutajar, Robert Mercieca, Kevin Cutajar u jassisti l-kumitat mill-uffiċċju tal-MPA, is-Segretarju Eżekuttiv Johann Mifsud. L-ewwel kambjament importanti li tista' tgħid sar b'mod immedjat mal-ħatra tal-kumitat kien l-immodernizzar tal-marka tal-Union tagħna fejn infatti ġiet mibdula l-emblema uffiċjali kif ukoll it-tnedija ta' *membership cards ġodda* b'materjal iktar professjonali kif wara kollox jixraq lil din l-*Union*.

Bħala *Union* inbeda proċess sabiex jissaħħaħ it-tim billi żdiedu b'mod konsiderevoli s-*Shop Stewards* biex illum tista' tgħid li l-MPA għandha r-rappreżentant tagħha f'kull sezzjoni fi ħdan il-Korp.

Dawk kollha li jkollhom xi domandi jew problemi relatati mal-ħidma tagħhom u jixtiequ jagħmlu kuntatt mal-MPA, jistgħu jagħmlu dan billi jibagħtu email fuq complaints@mpa.org.mt B'dan il-mod tippermettilna sistema iktar ċentralizzata għalina bħala l-membri tal-kumitat kif ukoll għalikom il-membri.

**(Filwaqt li bħala union għandha d-dover li tisma' lil kulħadd, l-obbligu primarju tagħha hu li noffru servizz lill-membri paganti)**

Iżda ejjew nitkellmu ftit fuq l-iktar ħaġa li tinteressa lilkom … Il-Korp!

Meta nħtarna sabiex nirrappreżentaw il-*Malta Police Association* lura f'Novembru tas-sena li għaddiet, kienu ħafna li staqsewna x'inhu x-xogħol tal-kumitat issa li l-ftehim settorjali ġie ffirmat, bħallikieku l-problemi fil-Korp huma biss finanzjarji.

Infatti impenjati sabiex inkomplu fuq dak li ħadem fuqu l-kumitat ta' qabilna u li minħabba diversi sitwazzjonijiet li mhumiex taħt il-kontroll tal-MPA dawn għadhom pendenti sal-ġurnata tal-lum, fosthom hemm il-kawża tal-armi li l-MPA kienet fetħet kontra l-Korp tal-Pulizija snin ilu li tagħha hemm l-appell fil-31 ta' Jannar 2019. Hemm ukoll il-kawża li l-MPA kienet fetħet fil-konfront tal-Kummissarju tal-Pulizija fil-kwistjoni tal-ħlas tal-Uffiċjali tal-Korp waqt il-ħidma tagħhom fil-Valletta Summit u kif ukoll fiċ-CHOGM tal-2015 kwistjoni li ġiet ukoll risolta. Infatti, nhar is-16 ta' Jannar il-Gvern għamel 'Out of Court Settlement' sabiex dawn il-flus jingħataw lura.

**(Sal-jum li fih inkiteb dan l-artiklu l-Appell rigward l-Armi kien għadu ma nstemax)**

Impenn ieħor li bħala MPA bdiet tiddiskuti mal-amministrazzjoni tal-Korp - id-diskriminazzjoni rigward ir-rata fil-paga li kienu qegħdin jitħallsu biha l-Kuntistabbli ta' Riserva. Infatti skont il-kuntratt li dawn kienu ffirmaw, b'mod speċjali dak ta' Diċembru, dawk kienu qegħdin iva jitħallsu bir-rata ta' Skala Numru 12, iżda kienet qiegħda tiġi bbażata fuq 46 siegħa meta l-Pulizija kollha llum qegħdin jaħdmu fuq rata ta' 40 siegħa fil-ġimgħa. Bħala MPA b'sodisfazzjon ngħidu li din is-sitwazzjoni ġiet riżolta f'qasir żmien anke grazzi għall-amministrazzjoni tal-Korp fejn infatti mill-10 ta' Jannar 2019, ir-rata ta' dawn il-Pulizija ġiet aġġustata minn €8 fis-siegħa għal dik ta' €9.47ċ, jiġifieri bbażata fuq 40 siegħa fil-ġimgħa.

Iżda dan mhux kollox. Infatti wara diskussjonijiet mal-amministrazzjoni tal-Korp, rigward ir-rata tal-*Extra Duty on Payment*, din ġiet aġġustata għal waħda iktar attraenti u b'mod speċjali toqrob ferm għar-rata li Pulizija jitħallas tas-sahra li jagħmel. Tajjeb li nfakkar li b'dawn l-aġġustamenti llum Kuntistabbli ser ikun qiegħed jieħu €13.13ċ is-siegħa filwaqt li Surġent ser jibda jieħu €15.11ċ fis-siegħa, kważi €4 aktar minn dak li kienu jieħdu qabel. Iżda l-iktar ħaġa interessanti hi li din ir-rata ser tibda tiżdied kull sena skont il-medja tal-paga sal-2024.

Punt ieħor importanti, u li bħala *Union* nixtiequ li nifthu diskussjonijiet mal-awtoritajiet kkonċernati hu xi forma ta' inċentivi ġodda sabiex Pulizija li jintemmlu s-servizz tiegħu jiġi mmotivat sabiex jibqa' jservi lill-Korp milli jagħżel li jkompli l-karriera tiegħu band'oħra. Ngħiduha kif inhi, fil-preżent ftit li xejn hemm raġunijiet sabiex persuna tagħżel li tibqa'.

Ftit statistika interessanti konnessa ma' dan is-suġġett. Matul dawn l-aħħar tliet snin kienu 332 Pulizija li rriżenjaw mill-Korp għaliex intemm is-servizz jew għal xi raġunijiet personali b'medja ta' 110 Pulizija fis-sena, filwaqt li kienu 443 Pulizija maħtura ġodda inklużi Pulizija ta' Riserva kif ukoll *reinstatements* b'medja ta' 147.6 Pulizija fis-sena; biex fil-preżent hemm total ta' 2,279 Pulizija. Minn dawn hemm 96 Pulizija li ser jagħlqu bis-servizz matul din is-sena.

Filwaqt li numerikament bħala Korp qiegħed jiżdied, iżda dan żgur ma nistgħux ngħiduh għall-esperjenza li kull sena qiegħda tintilef ma' kull Pulizija li jirriżenja mill-Korp.

Il-*Malta Police Association* kellha wkoll l-opportunità li tattendi għal xi laqgħat ta' diskussjoni organizzati mill-amministrazzjoni tal-Korp li saru f'Jannar kif ukoll fi Frar liema diskussjonijiet kienu jirrigwardaw il-possibilità ta' bdil fl-uniformijiet tal-Pulizija u kif ukoll fuq il-possibilità ta' ċentralizzazzjoni tal-*Extra on Duty* fil-Korp tal-Pulizija rispettivament. Matul din id-diskussjoni ssemmiet il-possibilità li tinbidel is-sistema li hemm fil-preżent u li minflok li l-*Extra on Duty* toħroġ mid-*detail officer* tad-distrett jew sezzjoni tiegħek, din tibda tinħareġ minn *Detail Officer* wieħed li jkun stazzjonat ġewwa l-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija.

Ovvjament għad ma hemm xejn deċiż u fadal diversi diskussjonijiet oħra rigward dawn is-suġġetti u nittamaw li 'l quddiem bħala *Unions* ikollna wkoll l-opportunità li nagħmlu l-proposti tagħna. Għalhekk minn hawnhekk inħeġġeġ lil dawk kollha li jixtiequ jagħtu l-opinjoni tagħhom fuq dawn is-suġġetti sabiex jibagħtu email fuq complaints@mpa.org.mt sabiex bħala MPA nissoktaw inkunu t-tarka tal-membri tal-Korp.

Ovvjament hemm diversi punti oħra li l-*Union* tixtieq titkellem u taħdem dwarhom fiż-żmien li ġej iżda naħseb li tifhmu li għadu kmieni wisq biex wieħed jikkommetti ruħu u forsi jiġu mwiegħda affarijiet fuq suġġett li sa issa għad ma beda l-ebda tip ta' diskussjoni.

Intemm dan l-artiklu billi għal darb'oħra nħeġġeġ lill-membri kollha tal-Korp mill-kbir saż-żgħir sabiex jissieħbu membri mal-*Malta Police Association* għaliex grazzi għalhekk biss li l-*Union* tkun tista' tiffunzjona sew u taħdem għall-kundizzjonijiet aħjar, għalik u l-kollegi tiegħek, il-membri tal-Korp.

Infakkar li tesserament jiswa biss €20 għal sena filwaqt li t-total ta' €50 huwa tesserament validu għal tliet snin. Dawk kollha li jkunu qegħdin jittesseraw ruħhom l-ewwel darba tingħatalhom sena estensjoni bla ħlas.

http://www.mpa.org.mt




FREE 24/7 *Easipik* PARCEL LOCKERS

STOP WAITING IN LINE &
START SAVING YOUR TIME

easipik@maltapost.com | www.maltapost.com/easipik

easipik
malta post

minn PC 1583 Steve Spiteri – Segretarju POU-GWU

**Merħba għal ħarġa oħra tal-magażin tagħna 'Il-Pulizija'. F'din il-ħarġa ħa ssibu żewġ artikli tal-POU dan minħabba li fil-ħarġa li għaddiet kien hemm żball fl-ipprintjar u nofs l-artiklu li kont ktibt ma ġiex jidher. Dawn huma affarijiet li sfortunatament jistgħu jiġru iżda nirringrazzja lis-Surġent 96 Rodienne Bartolo Haidon tas-CMRU għall-koperazzjoni li sibt min-naħa tagħha biex l-artiklu sħiħ jerġa' jidher f'din il-ħarġa.**

Punt li xtaqt nagħmel referenza għalih f'din il-ħarġa huwa li nirringrazzja lill-Kummissarju talli meta aħna bħala POU tkellimna u infurmajna lill-Amministrazzjoni tal-Korp fuq waħda mill-problemi li jgħixu s-surġenti tad-Distrett, qed nitkellem meta għal xi raġuni jew oħra surġent apparti d-diviżjoni tiegħu jlaħħaq xi diviżjoni oħra jew agħar minn hekk distrett ieħor, bis-saħħa taċ-Ċirkolari 3/19 din il-problema ġiet indirizzata. Grazzi wkoll li wara li membri minn tagħna ġibdulna l-attenzjoni li Għawdex hemm bżonn ta' muturi tat-traffiku ttieħdet deċiżjoni u Għawdex ġew mgħammra bi tliet muturi ġodda.

## L-Unjin għandna bżonnha?

Domanda li sikwit nismagħha meta nkun qed nitkellem ma' membri tal-Korp. Min jgħidlek iva, min jgħidlek le, min jgħidlek li xorta għax li ħa jieħu min qiegħed membru ħa nieħdu jien! Dawn kollha kummenti li smajthom però fil-verità x'tagħmel l-unjin? Jekk qed nitkellmu fuq *agreements* jew *shifts*, huwa veru li jiġi għal membru jiġi għal min mhux membru iżda x'jiġri meta jinqalagħlek xi ħaġa personali? Jien inħobb inġib eżempju li l-unjin bħal assigurazzjoni tal-karozza. Tħallasha darba fis-sena, tgħaddi sena u ma jkollok l-ebda inċident, ma tieħu xejn iżda għamilt sena b'moħħok mistrieħ li jekk ikollok inċident ħa tkun kopert. U jekk ma jkollokx assigurazzjoni? Kissirt il-karozza tiegħek, mela spiċċajt bla karozza. Kissirt karozza ta' ħaddieħor mela ħa jfittxek għad-danni u għandek il-problemi mal-ġustizzja għax titressaq il-qorti fuq bosta akkużi. Mela bżonjuża l-assigurazzjoni! L-istess bżonjuż li tkun membru fl-unjin għax meta jinqalgħalna xi ħaġa personali, li fix-xogħol tagħna sfortunatament hija xi ħaġa komuni, ikollkom l-unjin taqbeż għalikom. Xi ħaġa li l-POU dejjem uriet li hekk tagħmel u hekk ser tibqa' tagħmel. Inħeġġiġkom biex tissieħbu fil-POU. Min jixtieq jagħmel dan jista' jersaq lejna billi jkellem wieħed mill-membri tal-kumitat jew wieħed mix-*shopstewards* tagħna jew billi jidħol *online* fuq www-pou-gwu.org.mt, jagħmel kuntatt miegħi jew tibagħtu *email* fuq policeofficersunion@gmail.com.

Fi Frar tal-2015 daħal id-dritt li l-membri tal-Korpi Dixxiplinati jistgħu jissieħbu fi trejdunjin tal-għażla tagħhom. Minn dak iż-żmien 'il hawn saru ħafna tibdiliet fil-Korp tal-Pulizija, ftit jew wisq anke fil-mentalità. X'jiġifieri? Fejn qabel wieħed kien iħares lejn l-unjin jew lejn membru fil-Korp li jkun fl-unjin b'ċertu lenti, illum din inbidlet. Jarak sabiħ? Ma naħsibx, imma meta jkollok il-Kummissarju stess li jinvolvi l-unjin u jagħti kas xi jkunu jixtiequ l-unjins narah bħala pass kbir 'il quddiem. U ta' dan nirringrazzjawh.

Nirringrazzja wkoll lil dawk il-membri kollha uffiċjali jew le li b'xi mod jew ieħor meta nersqu bi problema jieħdu azzjoni mill-ewwel fuqha u mingħajr dewmien ta' xejn insolvu l-problema. Fis-sajf li għadda sar diversi xogħol, bħal pereżempju parti mis-*sentry boxes* l-antiki nbidlu u saru l-ġodda, għamlulhom is-servizz tad-dawl u anke ġiet installata l-arja kkundizzjonata. F'ċertu għases ġiet installata l-arja kkundizzjonata għall-ewwel darba. Kien hemm istanzi fejn li kien hemm bil-ħsara ġie mibdul għal wieħed ġdid, bħal pereżempju f' Ta' Sliema.

Ikun hemm ħafna ilmenti minn membri tal-POU f'diversi oqsma u f'diversi distretti u ħafna minnhom ikunu affarijiet bażiċi li b'naqra sforz il-membri jkunu qegħdin jaħdmu aktar komdi. Qed tinbidel il-mentalità wkoll li tad-Distrett huma xi membri sekondarji. Għalfejn qed ngħid hekk? Għamilna żmien fil-Pulizija fejn il-vetturi li kienu jkunu wżati mill-iskwadra tal-Mobile wara ftit snin imorru fid-distretti. Is-sena l-oħra, fl-2018 parti mid-distretti ngħataw vetturi ġodda, il-Fiat Tipo. Qabel dawk, l-unika vetturi ġodda li kienu ħadu d-distretti kienu l-iSkoda Felicia jidhirli għall-ħabta tal-1999 u ta' din il-bidla fil-mentalità, wieħed ma jistax ma jirringrazzjax ukoll lill-Kummissarju preżenti s-Sur Lawrence Cutajar u lill-Amministrazzjoni tal-Korp.

Fuq nota personali nirringrazzja minn qalbi lill-Kumitat tal-POU, lix-*shopstewards* tagħna u lill-membri kollha tal-POU tal-fiduċja f'din l-unjin. Nerġa' nfakkar lil min jixtieq jissieħeb magħna jersaq lejja jew lejn xi membru tal-kumitat. Grazzi.

steve.a.spiteri@gov.mt




# Artiklu ppublikat mill-ħarġa ta' qabel.

minn PC 1583 Steve Spiteri – Segretarju POU-GWU

Merħba għeżież kollegi,

Din hija l-ewwel darba li qed nikteb hawn mill-ħatra u l-kariga tiegħi bħala Segretarju tal-*Police Officers Union*. Għalhekk ħa nibda billi nintroduċi naqra lili nnifsi. Jien PC1583 Steve Spiteri u ili fil-Korp għal dawn l-aħħar 22 sena u nofs. Bdejt il-karriera tiegħi fil-Pulizija f'Ġunju tal-1996 fejn ġejt stazzjonat ġewwa d-distrett numru 6 li dak iż-żmien kien jinkludi San Ġiljan ukoll (Illum 6A). Bla dubju ta' xejn dawn is-snin kollha fid-distrett titgħallem ħafna u tiltaqa' ma' kull tip ta' rapport li wieħed jista' jimmaġina. Għal dawn l-aħħar sena u nofs qiegħed stazzjonat l-uffiċċju tal-RSM. Qabel ma ddeċidejt li napplika biex inkun membru fil-kumitat tal-POU kont ili sentejn u nofs bħala *shopsteward* tal-POU u kont nirrappreżenta lid-distrett numru 6 li għadni nirrappreżentah sal-lum il-ġurnata. Dejjem ippruvajt ngħin bl-aħjar mod li stajt u hekk ser nibqa' nagħmel.

F'Diċembru tas-sena 2017, is-Surġent Theo Vella kien irriżenja mill-POU peress li nħatar Segretarju tal-Korpi Dixxiplinati fi ħdan il-GWU. Minn hawn nawgurawlu kull suċċess. Is-Surġent Jonathan Attard li kien ukoll membru fil-kumitat kien beda l-proċedura biex jitlaq mill-Korp u allura kien irriżenja wkoll mill-POU. Lilu wkoll hawnhekk nawgurawlu għall-futur tiegħu.

F'Ottubru ta' din is-sena, il-President tal-Unjin l-Ispettur Sandro Camilleri informa lill-membri li kienu fetħu l-applikazzjonijiet għal postijiet vakanti fil-kumitat u li kien ser jinħoloq sottokumitat. Wara li applikaw diversi persuni l-kumitat ġie magħmul mill-membri kif imniżżlin hawn taħt;

**Kumitat:**
President - Spettur Sandro Camilleri, Viċi President - RSM Ray Zammit, Segretarju - PC1583 Steve Spiteri, Teżorier- PS463 Chris Ellul u WPS86 Diane Fenech, PS492 Melchior Micallef u PS1289 Andrei Bonaci bħala membri.

**Sottokumitat:**
PS29 Edward Falzon, PC1489 Jason Attard, PS820 Jonathan Vella, PC840 Roderick Psaila u WPC354 Kelly Schembri.

Bħala rappreżentanti fil-kumitat rigward il-kontribuzzjonijiet huma responsabbli għalih l-RSM Ray Zammit u PC1489 Jason Attard li wkoll huma responsabbli mill-ħinijiet ta' xifts.

PS29, PC840 u WPC354 huma responsabbli mix-*shopstewards*.

PS820 Jonathan Vella huwa r-rappreżentant tal-kollegi Għawdxin.

Filwaqt li WPS86 Diane Fenech u WPC354 Kelly Schembri huma responsabbli minn inċidenti, li jsofru l-membri kif ukoll minn funzjonijiet u attivitajiet oħra. Dawn huma ftit mir-responsabbilitajiet li qed jiġu assenjati.
Il-ftehim settorjali ġie ffirmat. Dan il-ftehim huwa l-ewwel wieħed tax-xorti tiegħu fl-istorja tal-Pulizija u dan għaliex għan-negozjati kienu involuti l-ewwel darba l-unjins. Nirringrazzjaw lil kull min kien involut biex bis-saħħa ta' dan il-ftehim jibdew jitjiebu l-kundizzjonijiet tal-membri tal-Korp.

Xogħol il-POU ma jiqafx mal-ftehim settorjali. Saru u ħa jibqgħu jsiru diversi laqgħat bejn il-kumitat u s-sottokumitat. Dawn il-laqgħat iwasslu biex problemi li jinqalgħu nkunu nistgħu nsolvuhom u ntejbu l-kundizzjonijiet tal-Pulizija. Laqgħat oħra huma max-*shopstewards* tagħna li huma mifruxin f'diversi distretti u sezzjonijiet li saru u ħa jerġgħu jsiru fil-futur qarib. Ix-*shopsteward* għandu rwol importanti ħafna għax huwa l-ħolqa bejn id-distrett / sezzjoni u l-POU. Minn hawn nixtieq nirringrazzjahom tax-xogħol li jagħmlu li ħafna drabi ma jkunx jidher. Diversi problemi jinqalgħu maż-żmien u minn hawn nirringrazzja lill-Kummissarju u l-amministrazzjoni tal-Korp li ta' kull darba li tinqala' xi problema nsibu l-bibien miftuħa sabiex nitkellmu u nirranġaw is-sitwazzjoni biex il-membri tagħna jkunu jistgħu jaħdmu iktar għal qalbhom u ntuhom il-motivazzjoni li jkollhom bżonn.

Filwaqt li ngħidilkom biex min ikollu bżonn xi informazzjoni, għajnuna jew jissieħeb fil-POU tistgħu tkellmu lix-*shopstewards* tagħkom jew inkella tagħmlu kuntatt miegħi jew ma' xi rappreżentant ieħor tal-*Police Officers Union*.

Minn hawn jien PC1583 Steve Spiteri f'ismi, f'isem il-President, il-Viċi President, il-membri tal-kumitat, sottokumitat u l-membri kollha tal-*Police Officers Union* nixtiequ nawguraw il-Milied u s-sena t-tajba lill-Kummissarju u l-familja tiegħu, lill-Kap Eżekuttiv, l-amministrazzjoni, lill-uffiċjali kollha tal-Korp, lil kull membru tal-Pulizija u lill-għeżież tagħkom.

steve.a.spiteri@gov.mt

---

ROCK
CUT
• DEMOLISHING • EXCAVATION • TUNNELING & MUCH MORE...
Tel: 21802726
e-mail: info@rockcut.com.mt


Turtle Wax
LIKE NEW IN MINUTES
Turtle Wax
HEADLIGHT LENS RESTORER
KIT DE RENOVATION • RESTAURATIONS-SET
KIT DI RIPARAZIONE • KIT RESTAURADOR
HEAL & SEAL TECHNOLOGY
INCREASES CLARITY, BRIGHTNESS & VISIBILITY
BEFORE
AFTER
SPRAY LUBRICANT
CLARIFYING COMPOUND
LENS SEALING WIPE
LENS BASE CLEAN WIPE
ial
Ignazio Anastasi Ltd.
Trade Enquiries:
Ignazio Anastasi Ltd
21497041 • sales@ialmalta.com


jameltd
Our services fuels your passion
www.jameltdmalta.com
LASCO Supermarket
MONTEBELLO
Dawret Hal Ghaxaq
Petrol Station
24/7 Self Service Car Wash
Car Wash - Open 24 Hours / 7 Days a week
Car Washing Services and Valeting on Request
Auto mechanic servies include :
• Greasing • Tyres / Alloy Wheels
• Punctures • Electronic Toe-In
• Electronic Wheel Balancing
Jame Ltd, Petrol Station, Triq Ghar Dalam, Ghaxaq GXQ 9040
Tel : 2180 9837 - Email : jame.247cw@gmail.com


THE NEW RANGE ROVER EVOQUE
ATTRACTION IS ONLY NATURAL.
LAND ROVER
ABOVE & BEYOND
LAND ROVER
STARTING PRICE €45,900 WITH 5 YEARS WARRANTY.
landrover.com.mt
Muscats Motors Ltd
Rue D'Argens, Gżira GZR 1368
2326 4589/8/7/5
info@mml.mizzi.com.mt
MIZZI ORGANISATION
acim

Thanking you for your kind attention, I wish to take this opportunity to highlight the sterling and professional service being offered at your Zurrieq Police Station in the Weapons Section – truly commendable.

Sincere thanks to you and your team for all the hard work going into Policing, which although may be taken fore granted by many at times, makes the absolute majority of genuine Maltese citizens proud of the force.

---

10th April 2017

To the Commissioner of Police

Sir

I, [redacted] wish to express my sincerest gratitude to Tonio Sultana PC64 and Leon Grech PC 1463 from M78 Shift A for their help and concern with a problem which occured on Friday 7th April. I called for help and they were quick in responding and not only that but later on during the day while doing their round they returned to check on how I was doing. They noticed that I was worried about the situation I was in and called again to see if I was alright.

I am writing to ask you to thank them on my behalf and may there be more police officers like Tonio and Leon as so the public can trust the police force as I and many do.

---

**Project week of the University of Applied Administrative Sciences in Brühl**
Project Malta, 23 April – 27 April 2018

Dear Commissioner of Police,

From the 23.04.2018 to the 27.04.2018 we performed our study trip to Malta to find out about the local authorities within the scope of our project week.

First, we visited the local police museum inside the headquarters, followed by the E.U. office/command and control room. Next, we were able to take a look into the dog section, the mounted section and the drug squad. We enjoyed the dog section in particular, with its greatly trained dogs. The next day was all about sightseeing in Valletta and Marsaxlokk, followed by a visit to the police academy and the R.I.U. including the shooting range. Last but not least, we got the opportunity to talk to the head of the crime squad which was a very interesting conversation. Your experienced colleagues helped us with every question we had and made us feel very welcome in the police department of Malta. Thereby, they gave us the possibility to get a deeper understanding of the Maltese police.

We would like to thank **Sergeant Marlene Falzon** and **Sergeant Joseph Mamo** for their relentless support and motivation throughout the week. It was a pleasure to work with them.

This project wouldn't have been possible without your great support. Once again, we would like to thank you and your colleagues very much and hope to see you again in the future.

---

My husband and I wish to thank Superintendant Stephen Mallia and Inspector Jeffrey Scicluna for helping my daughter [redacted] retrieve her mobile phone in an incident that took place in Valletta. We are very grateful to all the police personnel at the Valletta Police station for the efficient and professional way they handled the situation.

---

I want to make a public thanks to whole department of Birkirkara Police. Yesterday i left my keys hanging on my scooter, I found a post telling "we have your keys for precaution". I would have liked to thank the officer and kind girl gave me back the keys. Very nice environment and young people there, prosit guys and thanks again!!

---

Dear Ms Charlene

Hope this email finds you well.

On behalf of my staff and my students, I would like to thank you for the activity delivered at Xghajra / Kalkara Skolasajf on the 2nd August. It was very educational and fun for the students and adults alike. Pictures on the police bike were captured and given to the students against a fee to raise funds for the Community Chest Funds.

Thanks again for making this happen. I will surely recommend such an activity in schools.

Kind Regards
Charmaine Bartolo
Centre Coordinator

---

12th March 2017

The Commissioner of Police
Police General Headquarters
Floriana

Commissioner of Police

I would like to say a massive thank you to these three Police Officers in M'Xlokk Police Station WPS 219 Erica Galea Abela, WPC 257 Letizia Magro and RWPC 3094 Catherine Psaila for helping greatly through a very difficult personal situation when I reported to them that my daughter of 19 years had packed all her belongings and went to stay with a man who is twenty years older than her and I have no idea who this person actually is.

Please pass on my grateful thanks and appreciation.

Thank you.




**Isem u kunjom:** Chantelle Casha
**Età:** 34 sena **Rank:** Spettur
**Kemm għandek servizz?** 13-il sena

**X'inhu x-xogħol tiegħek fi ħdan il-Korp tal-Pulizija?**
Spettur fuq il-Garaxx tal-Pulizija u s-Sezzjoni tas-Snajja

**X'taħseb li huma l-iżvantaġġi u l-vantaġġi tal-mara fil-Korp tal-Pulizija?**
Bħal kull xogħol ieħor, li tkun mara fis-settur maniġerjali fiha l-vantaġġi u l-iżvantaġġi tagħha. Minkejja li llum il-ġurnata, l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa fuq il-post tax-xogħol sabet l-istabbiltà tagħha u hija iktar aċċettata, ngħid li xorta n-nisa jiltaqgħu ma' ħafna sfidi f'dan ir-rigward. Id-dritt li għandu jkollha mara fit-teħid ta' ċerta deċiżjonijiet f'ambjent ta' xogħol li fin-natura tiegħu jkun magħruf li hu ta' natura maskili, kultant mhux dejjem hija aċċettata.

Meta jiġi pparagunat l-istil ta' xogħol u t-tmexxija ta' xi operazzjoni fuq il-post tax-xogħol, huwa fatt magħruf li l-irġiel huma differenti min-nisa għax mara di natura għandha l-istint ta' omm li tikkura u tipproteġi, li din psikoloġikament tgħin ħafna fix-xogħol tal-Pulizija. Dan ma jfissirx li n-nisa huma aħjar mill-irġiel jew inkella x-xogħol imwettaq ikun ta' inqas jew iktar valur għax imwettaq minn mara jew raġel. Ix-xogħol imwettaq irid jiġi kkunsidrat fuq il-kapaċità tal-persuna irrelevanti l-ġeneru tagħha jew tiegħu.

F'dan il-kuntest jien nemmen li d-diffikultà li issib mara f'settur maniġerjali f'ambjent magħruf bħala xogħol maskili huwa fil-bidu tax-xogħol tagħha. Kull bidu jkun fih l-iebes tiegħu sakemm ta' madwarek isiru jafuk aħjar u tirbaħ il-fiduċja ta' dawk li taħdem magħhom irrelevanti intix mara jew raġel.
Finalment jiena nemmen li s-suċċess personali fuq il-post tax-xogħol juri l-frott tiegħu meta tkun parti mit-tim li tmexxi irrelevanti l-ġeneru li int, mhux meta tikkmanda lit-tim li jkollok.




**Isem u kunjom:** Christine Cutajar
**Età:** 51 sena **Rank:** Kuntistabbli (WPC27)
**Kemm għandek servizz?** 5 snin 1988 -1993 u 5 snin mill-2014

**X'inhu x-xogħol tiegħek fi ħdan il-Korp tal-Pulizija?**
*Drill Instructor* ġewwa l-Akkademja tal-Korpi Dixxiplinati

**X'taħseb li huma l-iżvantaġġi u l-vantaġġi tal-mara fil-Korp tal-Pulizija?**
Fl-opinjoni tiegħi, bħala mara ma narax li hemm vantaġġ jew żvantaġġ. Illum il-ġurnata mara ta' servizz kisbet irwoli u responsabbilitajiet li huma assoċjati mal-irġiel.

Mara llum tagħti l-kontribut tagħha f'kull qasam ta' xogħol relatat ma' xogħol tal-pulizija.



**Isem u kunjom:** Gaynor Gambin
**Età:** 34 sena **Rank:** Surġent (WPS 263)
**Kemm għandek servizz?** 12-il sena

**X'inhu x-xogħol tiegħek fi ħdan il-Korp tal-Pulizija?**
Għal dawn l-aħħar 11-il sena kont ġejt stazzjonata fis-sezzjoni tal-Informatika u parti mix- xogħol tiegħi huwa li namministra sistemi li jintużaw fi ħdan il-Korp tal-Pulizija, tagħlim fuq l-istess sistemi kif ukoll tagħlim fuq sistemi ta' aġenziji oħrajn Ewropej fost affarijiet oħra.

**X'taħseb li huma l-iżvantaġġi u l-vantaġġi tal-mara fil-Korp tal-Pulizija?**
Is-sess femminili huwa ta' minoranza fi ħdan il-Korp għal diversi raġunijiet fosthom għall-fatt li għalkemm mara hija effettiva fix-xogħol daqs raġel, naħseb li mara toqgħod aktar lura milli tagħżel din in-natura ta' xogħol. Personalment il-fatt li jien mara qatt ma żammitni lura milli nagħmel dan il-pass u/jew deċiżjonijiet oħra simili bħal pereżempju meta ffukajt lis-sħarriġ tiegħi fuq l-Informatika fejn l-ammont ta' nisa dak iż-żmien għal xi raġuni wkoll kien f'minoranza.

Forsi li nara bħala żvantaġġ għall-mara fil-Korp huwa l-fatt li mara hija awtomatikament assoċjata aktar ma' ċertu xogħol minn ieħor u din tirrifletti fin-nuqqas ta' preżenza ta' nisa f'ċertu sezzjonijiet fil-Korp. Personalment jien nemmen li m'għandhomx jeżistu dawn it-tip ta' żvantaġġi minħabba r-raġuni li wieħed m'għandux iħares lejn is-sess tal-persuna imma aktar lejn x'kapaċi jagħmel kull individwu.

Illum għandna nisa fil-Korp li jokkupaw kemm pożizzjonijiet ta' gradi għoljin kif ukoll pożizzjonijiet ta' importanza f'ċertu sezzjonijiet. Dan juri li bħala nisa għandna triq miftuħa fi ħdan il-Korp.



**Isem u kunjom:** Michelle Camilleri
**Età:** 35 sena **Rank:** Surġent (WPS 293)
**Kemm għandek servizz?** 11–il sena u 4 xhur

**X'inhu x-xogħol tiegħek fi ħdan il-Korp tal-Pulizija?**
*Scene of Crime Officer*

**X'taħseb li huma l-iżvantaġġi u l-vantaġġi tal-mara fil-Korp tal-Pulizija?**
Il-mara fil-Korp ma għandux ikollha vantaġġi jew żvantaġġi. Nemmen li għad hemm min iħares lejn pulizija mara bħala tajba biss għal *orderly* jew għal ġo uffiċċju. Dan huwa ppruvat bil-kontra meta tara nisa li ppruvaw rwieħhom bħala eżemplari f'ħafna oqsma fil-Korp, mill-iżgħar *ranks* sa dawk għoljin. Nemmen li kull mara għandu jkollha r-rieda li tavvanza mingħajr rappreżentanza femminili jew b'rappreżentanza miżera. Dan m'għandux ikun, għaliex m'għandux ikun hemm la vantaġġi u lanqas żvantaġġi li tkun mara fil-Korp. Nemmen li f'dawn il-ħdax-il sena li ili fil-Korp l-affarijiet marru għall-aħjar għax f'postijiet fejn ma kinux iridu nisa, bħal eżempju s-*Scene of Crime*, sar ikun hemm preżenza raġonevoli.


We offer ready made outfits for all occasions, and specialise in custom made Bridal Wear, Bridesmaids and Flowergirls Dresses
La Gatta Couture
La Gatta, Blue Grotto Avenue, Zurrieq
Tel: 21 641 417
E-mail: lagatta@onvol.net
Web: www.lagattaboutique.com
Find us on Facebook
La Gatta Couture


BY BACCHUS
RESTAURANT
MDINA


VASCAS
NAXXAR | VALLETTA | SLIEMA
WWW.VASCAS.COM.MT

# Mitt Sena mill-Ġrajjiet tas-Sette Giugno 1919 'il hawn

mis-Surġent-Maġġur 1133 Joseph Borg - Kwartieri Ġenerali

Meta jkun wasal sabiex jidher dan l-artiklu nittama li pajjiżna jkun qiegħed iħabbar fuq livell nazzjonali programm ta' attivitajiet sabiex jagħti ġieħ u jfakkar illi dak kollu li dan il-poplu kiseb sa ma wasal fejn wasal, ta' qablu b'xi mod kull darba kellhom iħallsu prezz u jgħaddu minn xorta ta' mrar il-ħajja, bħalma kienet għaddiet ukoll dik il-ġenerazzjoni ta' Maltin mitt sena ilu.

Mit-titlu wieħed jinduna li l-istorja ser terġa' toħodna lura fiż-żmien il-ġrajjiet tas-Sette Giugno tal-1919. Għalkemm din il-ġrajja wieħed jista' joħodha bħala ġrajja oħra minn ġrajjiet il-poplu, fil-prinċipju nemmen li din kienet l-ewwel azzjoni politika pura ta' pajjiżna; fejn il-poplu nnifsu, b'mod spontanju u mingħajr ma kellu l-għajnuna jew l-influwenza tal-klassi l-għolja, iżda fuq ir-rieda tiegħu nnifsu, qam biex joħodha kontra min kien qed jaħkmu u jbiddel il-mod tal-għejxien tiegħu. Naraw kif din il-klassi kienet ħafja, injoranta u ttrattata ħażin, waqt li xi wħud jaħdmu, għax hekk kien jaqbel, sabiex il-baxx jibqa' f'dik il-kultura li jikkonsla bix-xenxilli sagri jew ikkontrollat ukoll bit-twerwir ġej minn superstizzjonijiet u elementi oħra, li jrażżnuh u jaljenawh minn ċertu xewqat li seta' jkollu.

Min-naħa l-oħra l-klassi tas-soċjetà l-għolja ta' dak iż-żmien kienet tikkonsisti mill-avukati, in-nutara, ittobba, il-qassisin u professjonisti oħra li magħhom kienu jingħaqdu wkoll l-għaqdiet tan-nobbli u n-negozzjanti. Ilkoll kienu jiffurmaw il-klassi tal-intellettwali ta' pajjiżna f'dawk iż-żminijiet: imgħallma l-iskola, mitmugħa u mlibbsa tajjeb, armati bil-kotba, bil-gazzetti u biċ-ċirkoli.

L-istess klassi li kienet twarrab lill-ħaddiem tal-id minn kull attività ċivili, tifirdu minn kull kuntatt li jwessa' l-moħħ għall-għerf. L-għerf li jżidlu l-interess fil-ħajja u jgħinu jgħix aħjar; qalbu timtela bittama, waqt li tinfetaħ għal sentimenti nobbli, sabiex imbagħad verament jissaħħaħ ukoll fir-ruħ.

**X'wassal għall-irvellijiet tas-Sette Giugno** - Jogħla sewwa l-prezz tal-ħobż, jiżdiedu ttaxxi u jingħataw is-sensji. Ma kien hemm l-ebda dubju li l-kwistjoni tat-taxxi diretti imposti mill-Gvern Ingliż kontra x-xewqa tal-Maltin, kienet waħda mill-kawżi ewlenin li wasslu għal dawn l-irvellijiet.

**Is-sehem tal-Gazzetti** - Ma setax jonqos li bl-artikli xewwiexa u oħrajn taħt forma ta' poeżija fil-gazzetti kellhom sehem qawwi fir-rewwixta tal-Maltin. Silta minn artiklu fil-gazzetta Il-Ħmar tal-5 ta' April 1919, taħt it-titlu 'Poplu tmattar' – "*min qed joqtlok bil-ġuħ, ġej jixroblok demmek, u ħwejġek jaħtaf li għaraqt għalijhom? – min huma dawk il-klieb li ħniena għal hemmek, għal agunitek, ma jħossux ġo fihom? – ara minn qed jifgak bil-ħsieb li jtemmek. Hekk b'ħiltek kollha u dak li ħaqqhom tihom. Il-qirda li tinħtieġ, tal-qalil semmek, laqqam ġo demmhom u min int urihom – Is-sofri kemm se ddum, b'idejk misluba?! – kemm bi ħsiebek ħartiet taqla' jewwilla?! – kemm ġifa ser iddum, bla tqum fuq tiegħek?!!! – qerriedi jew meqrud, xortik miktuba, aħsad, bla ħniena, irjus il-klieb bħas-silla! stenbaħ ja poplu qum! Alla jkun miegħek!*"

Gazzetti oħra li kienu joħorġu qabel is-7 ta' Ġunju kienu l-Malta Herald, Il-Malta, Il-Malta Għada Tagħna, Il-Ħabib, Il-Lupu, La Lynx, u xi oħrajn. Iżda l-aktar waħda importanti kienet Il-Ħmar li skont Guliermu


2 IL HMAR 5 ta April 1919

# POPLU TMATTAR!!!

### SUNETT.

*Min k'ed joktloc bil giuħ, k'ed jixrob demmec,*
*U ħuejgec jaħtaf li gharakt ghaliħom?*
*Min huma dauc il clieb li ħniena ghal ħemmec,*
*Ghal agunitec, ma iħossux gio fiħom?*

*Ghal min kighed jifgag, bil ħsieb li itemmec,*
*Hebb b'ħiltec collha u dac li ħakkhom tighom!....*
*Il kirda, li TINHTIEĠ, tal kalil semmec,*
*Lakkam gio demmhom u min int uriħom....*

*Issofri chemm se'iddum, b'idejc misluba?!*
*Chemm bi ħsiebec ħartiet takià, jeuilla?!!*
*Chemm gifa s'er iddum, bla tkùm fuk tighec?!!!*

*Kerriedi jeu mekrud, xortic mictuba!*
*Aħsad, bla ħniena, rjus il clieb b'ħas-silla!*
*Stembaħ, ja Poplu, kum! Alla ioun mighec!*

Hmar tal 1798.

### ABBUS.

*Sur Hmar,*

*Ippermettili nghamel domanda per mezz tal giurnal tighec lill li Scout Master tal Boy Scouts, Sliema Troop.*

*Scout master, inti taf li lil li Scouts li ghandec taħt id-direzioni tighec f'uakt iċ-cerimonia tat-tkegħid ta l'euuel gebla tal Isptar il ġdid kassmulhom carti bl'orazioniet li il Ministri Protestanti chienu keghdin*

# Mnein hu gej il guai.

*Il hobs ta Malta ghal Maltin!*

F'lahhar numru tal "Hmar" deher articulu li is-sorprenda u id-disgusta lil patriotti colla—lill cull min ghandu demm verament Malti. Mhux ghaliex xi affarijet li li scrittur ta dac l'articulu kal sa certu pont, ma humiex veri, izda ghaliex min habba ftit ma ghandomx jehlu il Maltin colla.

Nibda biex inghid li l'Scrittur, li iffirma ruhu "Sargu" jeu chiteb taht access ta rabia ghal xi ingiustizii li osserva u li fir-rabia ma rax ciar u ma gharafx isib min hu il veru responsabli, jeu rakad bl'stoncu ftit imghobbi u holom li hu *Sargu* mentri ma huiex hlief *beccium*!

'Sargu' kal li il htija tal guai *collu* ta Malta huma il capijet Maltin: verament li f'ahhar ta l'articolu ghamel xi eccezzioni, però fuk collox id-dakka ta harta l'in-nazion Maltija hija hemm, u in-Nazion dakka ta harta phal din ma taccettaiex, ghax ma tixirkiliex, u ghaliex il guai gei min band'ohra, min ghand min jixhed il gebla u jahbi idu.

Ghall liema raginni isibom responsabbli il capijet Maltin 'Sargu'? Ghaliex illigijet horox li ghaddeu f'daun il hames snin tal guerra, mita irregnat il-ligi marziali, voldiri mita collox sar taht id-direzion ta l'autorità militari, saru mil Maltin? Jeu ghaliex il Maltin isibom mimlijin bill *boria*, u ghandom diportament hazin?

Jecc il capijet Maltin jiccunsidrahom hatjin u responsabbli tal ligijet li saru chemm ilha il-ligi marziali jisbalia; ghaliex il ligi marziali ma hix diretta mill maltin izda mil militari li ma humiex

illigi tal nirt ma chienitx tghaddi? Caramba! Chienet tghaddi l'istess-bid-differenza li min floc il Malti Refalo, propriatariu u mieles, li accetta quasi min ghair ebda difficoltà, l'emendi colla tal Camra ta l'Avucati, chien forsi icolna iehor li jehodna bill gherra u il hruxija, phall ma chienu jghamlu Strickland u Merewether li jirrespingi qualunque emenda ghal ligi, specialment li phala frustier, ma tolktux ghax ma icollux proprietà f'Malta.

Issa x'hadna billi ghanna Direttur ta l'Ischeijel Primarii Inglis? Floc salariu ta £200 fissena il caxxa ta Malta keghda thallas £400—u id-differenza tithallas mit-taxxi li ziedulna—u dac il ctieb famus u *assassin* li ifaccar lil Luteru phala martri tal verità, tkassam l'istess l's-surmastrijet ta l'scheijel tal Gvern! Issa, jeu id-Direttur kassmu min raih, u allura phala Cattolicu uera li mhux capaci ghal dac il post ghalavolja *Inglis* u imhallas doppiu li chienu ihalsu li chiecu flocu ghamlu lil uihed *Malti*, jeu dahlu ghaliex ordnaulu, u allura ciar li collu hrafa li icolna capijet Inglisi. (2).

Hmar Malti

(1.) Allura it-taxxi l'ohra li jolktu lil fkir biss, chienu igibuhom?

(2) Digià ghedna li ma nakblux ma *Sargu* riguard il capijet inglisi, imma lil *Hmar Malti* u lil R.B. tal *Malta* inghejdulhom li b'dac li kalu u b'cull ma jistghu jghejdu ma jippruvau katt li bosta mill capijit maltin m'humiex servili, minfuha bihom infishom, interessati u li ma jaghmlux *favoritismu* u *nipatismu*.

Arena, l-editur tagħha, kienet tinbiegħ l-aktar; kważi mat-3000 kopja fil-ġimgħa. Dan il-ġurnal kien tassew xewka u kellu influwenza kbira fuq il-poplu, kien favur il-ħaddiem u kontra l-lagħqa u l-bażużli ta' dawk iż-żminijiet. Fl-artikli tiegħu wieħed kien iħoss jidwi l-ideat u l-kitbiet ta' Manwel Dimech. Minn dawn is-siltiet wieħed jifhem kemm kienu qawwija l-artikli f'dan il-ġurnal. Silta oħra minn Il-Ħmar b'xebh għal-lirika ta' Dimech hija din "*Issa huwa l-mument O poplu li aħna nqumu u ma nibqgħux iżjed rotob u ġwejda, inkunu iebsa u feroċi, inriegħdu lil kull min biss iħares lejna; aħna qegħdin f'darna għalhekk bid-dritt kollu, aħna irridu nkunu liberi u sakemm ser nibqgħu hekk, nuru dejjem li m'aħniex kuntenti...*"

Dimech innifsu madwar tmien snin qabel din il-ġrajja, fil-Bandiera tal-Maltin, tad-29 ta' Lulju 1911, kien kiteb hekk taħt ittitlu '*Kum poplu kum*' – "*kum poplu, kum min-ngħas tiegħek u flok li jbeżżgħuk beżża' int, flok li jwaħħxuk, waħħax int, flok li jregħduk, riegħed int...*"

**Kif aġixxiet l-awtorità** - L-Aġent Kummissarju tal-Pulizija James Frendo Azzopardi bgħatt kopja ta' ħafna minn dawk l-artikli lit-Tenent Gvernatur Robertson biex jittieħdu l-passi. Iżda minkejja dan, l-uffiċjali ma fehmux sew il-qagħda tal-poplu u x'kien qed iberren. Is-Segretarju Bonavia sejjaħ l-artikli *The ordinary vapourings* u Robertson qal li aħjar ma jittiħdux passi kontrihom, għax aktar isiru popolari. Miegħu qabel l-Avukat tal-Kuruna Dott. Mikiel Ang Refalo. Dak iż-żmien Refalo kien il-persuna li kellu diversi rwoli governattivi. Fosthom kien il-Prosekutur, Konsulent tal-Gvern u lleġiżlar dwar taxxi ġodda li kienu qed isiru, fosthom ukoll it-taxxa tas-suċċessjoni. L-aħħar kelma sintendi kienet tal-Gvernatur billi qal *let sleeping dogs lie*. Din id-darba l-poplu ma baqax iżjed ġwejjed bħalma kienu jaħsbu huma dwaru. Issa kien deċiż li xi ħaġa kellha ssir u għalhekk għall-għajta ħerqana tal-gazzetti '**Ejjew tonqsux**' il-poplu qam u medd riġlejh lejn il-Belt u hekk kif nafu fis-sebgħa u t-tmienja ta' Ġunju kien miġbur bi ħġaru waqt is-siegħa tal-prova.


Surveillance Cameras
Multimedia Projectors
Document Scanners
Digital Cameras
avantech
Canon
Video Cameras
Home Printers
Office Printers
Large Format Printers
Avantech Building, St. Julian's Road, San Gwann
T: 21 488 800 | E: info@avantech.com.mt
www.avantech.com.mt | CanonMalta.com


CITADEL CINEMA
Victoria - Gozo
BOOK ONLINE AT CITADELCINEMA.COM
OR CALL 2155 9955
Sony Digital Cinema
4K
Adults €6.00
Children (up to 11 yrs) €4.00
Senior Citizens (Mon-Thu) €5.00


Great Vacation Deals
INCLUSIVE OF FLIGHTS, ACCOMMODATION, TRANSFERS & TAXES
Whether you're looking for a romantic escape for two, a fun getaway with friends, or a memorable trip with the family, these destinations could be the answer for your summer escape!
KASSANDRA
GREECE
7 NIGHTS
from
€399
KYRENIA
NORTH CYPRUS
7 NIGHTS
from
€479
BREAKFAST INCLUDED
Genuinely Mediterranean
smsmondial
Tel: 2277 6000
Valletta | Birkirkara | Paola | Sliema | Hamrun | Gozo
www.smsmondial.com.mt
Insolvency Fund 2019 PROTECTED

Ta' min jinnota wkoll jekk kinitx kumbinazzjoni, illi l-Kummissarju Claude Woodruff Duncan, ftit taż-żmien qabel l-irvellijiet intbagħat bħala Spettur Ġenerali fin-Niġerja u floku kienu ħallew lid-Deputat Kummissarju James Frendo Azzopardi biex imexxi lill-Korp.



## Manwel Dimech u l-irvell tal-Maltin

Manwel Dimech kif illum nafu sewwa kien b'ħidmitu u kitbietu d-difensur tal-fqar u l-imgħakksin. Hu li kien jaf sewwa x'jiġifieri ġuħ, faqar u moħqrija qatt ma ntrefa' minn ħutu l-ħaddiema u l-baxxi, dejjem fittex kif seta' biex jerfagħhom mill-miżerja.

Il-faqar ma kienx jistkerrhu, għalih kien mezz biex il-bniedem jagħraf aħjar u jħaddan il-ġustizzja. Kristu nnifsu għażel li jitwieled fil-faqar u dan biex juri sewwa lill-bniedem x'jiġifieri l-umiltà. Dan kollu juri li l-imsejken ħaddiem u l-baxx ma kellu qatt ikun imwarrab, mistkerrah jew imċaħħad minn drittijietu. Id-dritt tax-xogħol kien sagrosant u l-ebda xogħol ma kellu jiġi ttimbrat bħala wieħed tal-baxxi jew b'xi mod jiġi umiljat. Dawn huma prinċipji nsara li saħansitra tkellmu dwarhom f'enċiklići l-Papiet.

Hu, tista' tgħid, l-ewwel Malti li xegħel fjamma sabiex iqawwi qalb il-klassi l-baxxa, lill-ħaddiem li kien iħobb aktar minn uliedu. Minkejja kollox, qatt ma nistgħu ngħidu li ħidmitu bħala luminatur fost il-ħaddiema kienet waħda ward u żahar. Insemmi fatt li kien seħħ nhar il-Ħadd, 21 ta' Jannar tal-1912, f'Ħal Qormi, meta kien mar f'waħda mill-pjazez ta' biswit il-knisja biex jitkellem mal-poplu u kien għoddu spiċċa ħażin. Jingħad illi waqt li n-nies kienet bdiet tinġabar biex tisma', minn taħt kienu qed jintgħaġnu u jinħmew manuvri sabiex jisfrattawlu dik il-laqgħa. F'mument minnhom waqt id-diskors tiegħu, f'kuntest, b'vuċi għolja beda jgħajjat **'Viva dejjem, għaliex aħna bhejjem'**, probabbilment kien qed jaċċenna sabiex ma jibqgħux tant aljenati fuq ċertu ħwejjeġ, li bil-ftit jew bix-xejn ma setgħu qatt itejbulhom il-qagħda tagħhom għajr li jkomplu jaljenawhom minn dak li seta' ma jkunx favurihom. Huma fl-istess ħin ma kkunsidrawx li hu kien qed ikun metaforiku. Għalihom setgħu fehmu li kien qed iqabbilhom b'xi mod mal-bhejjem li huma kellhom ġewwa l-imqajel, fil-mandri u l-irziezet. Minn hawn naraw ukoll kemm kien batut il-livell intellettwali tagħhom.




Mhux ta' b'xejn dakinhar il-qassisin f'Ħal Qormi sabuha hekk faċli li jxewxu n-nies biex iħaġġruh. Kellu jgħaddi ż-żmien biex il-poplu ntebaħ min tassew riedlu l-veru ġid. Kellu jkun biss madwar seba' snin wara minn din il-ġrajja li jaf xi wħud minn dawk li ħabtu għalih, issa setgħu kienu wkoll parteċipi fil-protesti tas-Sette Giugno, jiġġieldu għall-istess ideal li kien ipprova jkellimhom dwaru dakinhar Dimech. Ideal li tista' tkun ħieles, tmexxi lilek innifsek, toktor fil-ġid u l-hena. Ħelsien ukoll fil-ħsieb u mhux aktar jibqa' jaħseb għalik ħaddieħor. Ħelsien fl-għerf u t-tagħlim, li fl-aħħar mill-aħħar jagħtik id-dinjità.


carini
Bathrooms & Tiles
435, St. Joseph High Road
St. Venera
tel: 21440202 | 21449641
floor tiles: 21482849
www.carinibathrooms.com


ecosoft
water professionals
STANDARD
Home Reverse Osmosis
A&A Mizzi Limited
www.aamizzi.com | info@aamizzi.com
21488132/60/68


Quality Brands At Amazing Prices
Airwell
ELECTRA
FUJIAIR
New Model
Celebrating
70 years
1947 - 2017
Airwell
of air conditioning since 1947
R32
5 Years warranty
WIFI Ready
Airwell
DUCTED DLF MODEL
...CONCEAL IT & STAY COOL!
• Super silent
• Invisible solution
• iFeel
• Vertical & Horizontal Installation
Extra Slim only 200mm
New
DUCT
CASSETTE
FLOOR/CEILING
PORTABLE
FLOOR STANDING SDM
OFFERING ALL TYPES OF SPLIT & VRF AIR CONDITIOING SYSTEMS:
WALL MOUNTED, DUCTED, CASSETTE, FLOOR/CEILING & PORTABLE
EUROVENT CERTIFIED PERFORMANCE
arjakon
since 1966
CALL
2122 2122
ADDRESS
TESTAFERRATA STREET, TA' XBIEX
VISIT
WWW.ARJAKON.COM
EMAIL
SALES@ARJAKON.COM
Find us on ARJAKON

Mhux aktar strument jew oġġett f'idejn min żgur l-interessi tiegħu mhumiex dawk tal-poplu ġwejjed jew aħjar tal-popolin, kif kienu bdew isejħulu. Araw ukoll l-ironija tal-ħajja f'din l-istorja, l-istess poplu li kien ġie mxewwex kontra Dimech u saħansitra mar biex iħħaġġru, kellu jkun hu, li bis-sehem determinat tagħhom meta daħlu l-Belt biex jipprotestaw, kien f'dak il-mument li l-borma faret. Dan jista' jingħad għar-raġuni hekk kif ingħad fix-xhieda tal-inkjesta maħtura wara l-irvellijiet. Dawn huma kummenti qosra mix-xhieda kkollaborata tas-Supretendent Ramiro Barbaro Sant u l-Ispetturi Lopez, Lisano u Inglott:

*"il-Folla kienet kbira wisq, aħna konna ftit wisq… l-agħar nies fl-irvellijiet kienu n-nies ta' Ħal Qormi... kienu tawni parir sabiex ma mmorrux fejn kienu bdew jinġemgħu huma…dawn kienu qegħdin jheddu lil kulħadd..."*



L-Ispettur Lopez waħdu xehed ukoll li "*nhar s-Sibt 7 ta' Ġunju kont ġejt mibgħut imur Strada Forni fejn kienet attakkata ddar ta' sid l-imtieħen Saint George's Flour Mills. Ħadt miegħi tletin pulizija, iżda x'ħin wasalna, il-folla ġiet għalina jgħajjtu 'morru lura, inkella noqtlukom' u xeħtulna xi kotba. In-nies tiegħi tilfu l-kuraġġ u qaluli ma nistgħu nagħmlu xejn...m'għandniex armi. In-nies tiegħi kellhom jirtiraw...*"

### Dimech emmen fil-Maltin u l-futur tagħhom



Dimech kien jemmen li l-Maltin jistgħu jmexxu lil pajjiżhom. Hu emmen fl-Indipendenza ta' Malta u fl-awtonomija tagħha, li tkun ragħajha f'idejha u ħielsa minn kull ħakma barranija. Meta ħadd ma kien jemmen ħlief fl-Imperjaliżmu u l-Kolonjaliżmu, hu emmen fir-Repubblikaniżmu, fl-ugwaljanza u fil-libertà tal-bniedem. Meta kulħadd kien jiġġustifika l-faqar u jqisu bħala rieda t'Alla, hu b'sogru ġġieled il-faqar u ried li jerfa' liż-żgħir mill-miżerja, iġibu 'l quddiem waqt li jemanċipah. Dimech kien Nazzjonalista li emmen verament fil-potenzjal li għandu pajjiżna u Soċjalista għax emmen fil-kapaċitajiet u l-ħila tal-ħaddiem. L-ideal tiegħu kien ċar li jara lil pajjiżna jqum fuq saqajh, li jkun hawn pjan edukattiv prattiku u konkret sabiex jiftaħ moħħ il-bniedem u jgħinu jibqa' miexi 'l quddiem.

Sakemm il-Gvern Ingliż seta' jieħu bil-kwiet dak kollu li kellu bżonn minn dawn il-gżejjer, kien jiġi jaqa' u jqum kemm kien ikun tratta ħażin lill-ħaddiema Maltin. Anzi mexa id f'id u kkonfoffa mal-klassi privileġġata Maltija biex iżomm lill-ħaddiema kwieti. Għalhekk kienu l-Gvernatur u l-Isqof flimkien li eżiljaw lil Dimech għal ġol-Eġittu. Kienu ħallewh jitmermer sa ma wasal biex miet, avolja kien marid u beda jitlobhom bil-ħniena qisu tifel sabiex iħalluh jerġa' lura Malta. M'hemmx dubju li dan kien wieħed mill-aktar aġir krudili mniżżel fl-istorja tagħna. Krudeltà bla bżonn, li tbaxxi lill-istess bniedem li jippretendi l-monopolju fil-quċċata tas-soċjetà, iżda biex imbagħad fl-aħħar mill-aħħar titfgħu ġod-dlamijiet l-aktar baxxi u moqżieża tal-ħolqien.

F'ċertu stanzi l-Gvernatur Herbert Plumer kien qed iwaħħal fil-knisja lokali billi kien jistqarr li kien qed ikollu pressjoni minnha sabiex ma jagħtix permess li jinġieb lura. Iżda dan wara rriżultat, li kienet biss skuża min-naħa tiegħu li baqa' sal-aħħar jimponilu. Jingħad li anke Churchill kien insista mal-Gvernatur sabiex ma jibqax jirreżisti r-ritorn ta' Dimech lejn art twelidu. Plumer aktarx kien qed jibża' li b'Dimech mas-saqajn seta' kien ser jaqlagħlu l-inkwiet, u propju fi żmien delikat ħafna, meta kienet qiegħda titħejja l-kostituzzjoni l-ġdida tal-1921, li eventwalment fl-1 ta' Novembru tal-istess sena nfetaħ uffiċjalment l-ewwel Parlament Malti mill-Prinċep Dwardu ta' Wales, għan-nom ta' missieru r-Re George V, liema kostituzzjoni ngħatat l-isem ta' Amery – Milner. Forsi li ma kienx jaf il-Gvernatur huwa li Dimech tant kien marid u dgħajjef fiżikament, li sa kellu nofs ġismu pparalizzat. Dwar il-post tal-mewt u d-difna ta' Dimech jista' jkun li għad hemm dubju jekk hux verament miet u ndifen l-Eġittu kif oriġinarjament tħabbar. Hemm suspetti li Dimech seta' nġib Malta bil-moħbi u miet ftit wara u dan baqa' taħt segretezza. B'dawn id-dubji u misteri; fejn tassew intemm? fejn miet? fejn indifen? Dan il-bniedem kbir patrijott ser jibqa' għal dejjem umiljat anke minn dan il-lat. Forsi l-Ingliżi riedu jagħtu wkoll l-aħħar rebħa fuqu. Jista' jkun ukoll li l-Ingliżi beżgħu li kien ser jibqa' jħabbathom anke wara mewtu minħabba li seta' jitfaċċa xi forma ta' kult dwaru.

Ngħidu aħna kult Dimekjan, li jsir moviment u jkompli jmexxi u jippromwovi l-ideal u t-tagħlim tiegħu.

## Suċċessuri bl-istess ideal

Imbagħad kif reġa' għadda ftit taż-żmien, iżda eżatt fil-ħin, id-destin reġa' ħaseb f'dan il-poplu u bagħatlu mexxej li kkonsolida dak kollu li ta' qablu, b'rieda tajba, kienu ilhom jaħsbu, jiktbu u jippreparaw għalih. Duminku Mintoff, il-personaġġ suċċessur għal din il-ġrajja, mill-klassi tal-Ħaddiema. Il-mexxej li art twelidu kienet tinħtieġ fil-mument, sabiex iwettaq dak li kien ilu jinkiteb u jintalab għall-ġid tal-Maltin.

Hu kellu viżjoni, minkejja li quddiemu kellu biss pajjiż u poplu mfarrak. Poplu b'moral mill-aktar baxx, li kien għadu kif għadda mill-eħrex tbatijiet tal-gwerra.

Hu beda biex libbes u tema' lill-ifqar fost il-fqar, tagħhom kenn u refagħhom mill-miżerja li kienet għodda fniethom. Taħ il-wens, l-edukazzjoni u d-dinjità u baqa' jiddefendih billi ħoloqlu stat ibbażat fuq prinċipji ta' Ġustizzja Soċjali u mekkaniżmu sabiex jiġġenera aktar il-ġid komuni. Jinħoloq aktar xogħol li jġib il-progress u l-ħidma għall-ħajja b'futur fis-sliem. Reġa' bena soċjetà u ħolqilha stat b'servizzi soċjali li baqgħu jiġu wkoll żviluppati u mtejba minn ta' warajh waqt li kines il-preġudizzji li kien hawn kontra dawk tal-klassi l-baxxa, ta' bla skola, it-tallaba u tant oħrajn imwarrba u mistkerrha. Dawn mhuma xejn għajr il-fatti li esprimew il-ġenerazzjoni li minnha ħriġt u li minnhom laħqet xi ftit ukoll il-ġenerazzjoni tiegħi.




L-istorja jekk għal ħafna forsi titqies li hija xi ħaġa li tinqara bħal kwalunkwe letteratura u mir-rakkonti tagħha ssir taf ċertu ġrajjiet, l-istorja hija wkoll il-kultura tal-poplu, mezz jew servizz ta' tagħlim kif nevitaw milli nirrepetu ċertu żbalji passati, kif ukoll fost ħafna b'rabta ma' din l-istorja, kif ma nibqgħux neżiljaw aktar nies validi li jkunu qed jagħmlu l-veru ġid lis-soċjetà. Dawn mhux neċċessarjament jiġu eżiljati bħalma letteralment kien ġie eżiljat Manuel Dimech ma' oħrajn fl-istorja, ħafna drabi jkun sforz awtorità żbaljata jew setgħa awtoritarjana li jew għax verament ma fehmitx, jew għax ma kienx jaqbel li tifhem u taqra s-sinjal għaż-żmien fl-istorja.

Min-naħa l-oħra sal-lum għadna qed nikkommemoraw lil dawn l-eroj. Iżda ebda tifkira, kbira kemm hi kbira jew monument, mhu ser jagħti ġieħ u glorja jekk f'qalbna u f'moħħna nbarru litteralment għar-regħba ċertu valuri, prinċipji u ideal minn tagħhom.

joseph.q.borg@gov.mt

# Il-Ħames Qattiela

## L-Ewwel Parti: Sewqan taħt l-Effett

mill-Ispettur Pierguido Saliba - Taqsima tat-Traffiku

Is-sewqan taħt l-effett ta' xi sustanza jew oħra, inkluż l-alkoħol, mhux biss huwa reat kriminali imma kien identifikat bħala wieħed mill-ħames fatturi ewlenin li jikkawżaw imwiet jew korrimenti serji fit-toroq Ewropej. Fil-ġlieda tagħna kontra dan id-delitt, qed nagħqdu żewġ irwoli - kemm dak tal-infurzar tal-liġijiet u kif ukoll ta' protetturi tal-ħajja.

Il-liġi tagħna timxi fuq żewġ binarji u ċioè, dak li jinċidi fuq il-kwalità tas-sewqan (Kap. 65 Art. 15A) u dak li jaffettwa l-livell ta' intossikazzjoni (Kap. 65. Art 15B) fejn dan tal-aħħar għandu x'jaqsam biss mal-alkoħol. L-Artikolu 15A, tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta, magħrufa bħala l-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku, jittratta dwar is-sustanzi kollha, kemm l-alkoħol kif ukoll id-drogi. Ta' min jirrimarka illi mkien ma l-liġi tispeċifika li d-delitt isir bid-drogi illegali biss bħal kokaina jew l-eroina, imma tinkludi wkoll dawk id-drogi legali bħal kalmanti.

L-Artikoli 15B, tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta u dawk li jiġu wara, li fil-liġi jirreferu għalihom bħala "et sequitur", għandhom proċedura sħiħa fil-liġi li hi speċifika għal dan ir-reat. Ibda biex, peress illi hawn qed nitkellmu fuq livelli, dawn jiġu mkejla b'apparat magħruf bħala *breathalyzer*, fejn dan ikejjel l-ammont ta' alkoħol li hemm f'daqs stabbilit ta' nifs, eżattament kull 100ml ta' nifs. Il-Korp juża l-apparat *Alcovisor Jupiter* li hemm fid-distretti, kif ukoll ir-RIU u t-Taqsima tat-Traffiku.

Wieħed jistaqsi, "Allura meta nistgħu namministraw test tal-*breathalyzer?*" L-ewwel u qabel kollox irid ikun hemm suspett raġjonevoli ta' sewqan taħt l-influwenza tax-xorb alkoħoliku. Is-suspett li jilħaq il-livell raġjonevoli huwa wieħed li jrid ikun, ibda biex estern għal min qed jagħmlu u dan ifisser li ġej minn xi ħaġa li tista' tilmaħha bis-sensi, pereżempju li nistgħu narawha, mhux internament bħal ħsieb jew preġudizzju. It-tieni element tas-suspett raġjonevoli huwa dak tat-test tal-persuna raġjonevoli; dan ifisser li persuna oħra li qed jara l-istess ħaġa ħa jasal għall-istess konklużjoni li jkun hemm l-istess suspett.

Fejn jidħol ir-rifjut, hemm żewġ prinċipji li huma importanti u fl-istess ħin jistgħu jidhru kontradittorji. L-ewwel huwa li bniedem għandu dritt jirrifjuta li jissottometti ruħu/ha għal dan it-test, u l-ieħor hu li r-rifjut jikkonsisti f'reat, sakemm il-persuna suspettata ma jirnexxilhiex tipprova fil-Qorti li ma kienx/kinitx qed issuq taħt l-influwenza tal-alkoħol. L-implikazzjonijiet tar-rifjut huma l-istess ta' sejbien ta' test pożittiv u dan ifisser illi f'dak il-mument bniedem ma jitħalliex ikompli jsuq vettura bil-mutur u li jinħarġu akkużi fuq sewqan taħt l-effett tax-xorb alkoħoliku.

Huwa importanti wkoll li nkunu konxji li hemm żewġ forom ta' rifjut, li huma r-rifjut formali u dak materjali. Id-differenza bejniethom hi li filwaqt illi r-rifjut formali huwa eħfef sabiex jiġi ppruvat billi s-suspettat jgħid li ma jridx jissoġġetta ruħu/ha għat-test tal-*breathalyzer*, fir-rifjut materjali hemm l-element illi għalkemm is-suspettat/a j/tkun ikkonferma/t il-kunsens, bil-fatti j/tkun qed juri li ma j/tridx. Bħala eżempju, wara l-konferma tal-kunsens jintalab il-parir tal-avukat, jew jitolbu li jixorbu/jpejpu qabel ma jagħmlu t-test. Fil-każ ta' rifjut materjali jrid jiġi ppruvat, illi bil-fatti dan it-test ma bediex isir b'aġir dirett tas-suspettat.

Dan iwassalna għal spjegazzjoni tal-livelli massimi l-ġodda skont il-liġi. Fejn qabel il-livell kien ta' 34µg/100ml għal kulħadd, illum il-livelli li rridu niftakru huma 22, 9 u 0, spjegat kif ġej. L-ewwel distinzjoni hija li persuna li għadha ġġib il-liċenzja tas-sewqan għandha sa massimu tal-ewwel tliet snin fuq liċenzja taħt *probation* u wara dan il-perjodu jottjenu l-liċenzja sħiħa. It-tieni distinzjoni hija x'tip ta' vettura qed tinstaq. Fejn tidħol it-tip ta' vettura hemm 3 klassifiki li huma: vettura privata, vettura kummerċjali u vettura għall-ġarr tal-passiġġieri bi ħlas. Vettura tal-ġarr tal-passiġġieri bi ħlas tinkludi t-taxi u l-vetturi kollha bi pjanċa ta' reġistrazzjoni li jispiċċaw bl-ittra Y, eżempju *cabs, coaches, mini buses*, xarabanks eċċ. Vetturi kummerċjali jinkludu dawk li huma min-natura tagħhom kummerċjali, bħal trakk tal-ġebel, dak tal-gass, dak tal-ħobż u oħrajn. Vetturi kummerċjali huma wkoll dawk li saru kummerċjali b'dikjarazzjoni; eżempju ta' dan hija vettura li l-pjanċi ta' reġistrazzjoni jispiċċaw bl-ittri GV li jfissru "goods vehicle". Il-vetturi privati huma dawk il-vetturi li ma jaqgħux fil-kategoriji ta' qabel.

Vetturi privati misjuqa minn persuna b'liċenzja tas-sewqan sħiħa għandhom limitu massimu ta' 22µg/100ml, filwaqt li xufier li jkun għadu bil-liċenzja taħt *probation* għandu limitu ta' 9µg/100ml. Xufier ta' vettura kummerċjali għandu/ha limitu ta' 9µg/100ml u dawk ta' vetturi tal-ġarr tal-passiġġieri bi ħlas għandhom limitu ta' 0µg/100ml. Ta' min jirrimarka li l-liġi tistipola limiti fuq it-tip ta' vettura li qed tinstaq mhux fuq l-użu li qed isir minnha. B'dan qed jiġi mfisser illi xufier ta' vettura b'limitu ridott, ma tagħmilx differenza hux qed juża dik il-vettura għall-għan tagħha. Bħala eżempju xufier ta' taxi jkollu limitu ta' 0µg/100ml irrispettivament għandux passiġġieri bi ħlas jew le.

Importantissimu huwa l-aspett tat-twissija, magħrufa bħala *caution*. It-twissija l-proprja għandha tinqara hekk kif ġej: "Qed noffrilek li tagħmel it-test tal-*breathalyzer* għaliex qed nissuspetta li kont qed issuq taħt l-influwenza tal-alkoħol. Għandek dritt li tirrifjuta imma tali rifjut huwa reat u jammonta għal prova korraborattiva li kont qed issuq taħt l-influwenza tal-alkoħol". Dan għandu jsir fil-mument illi jitqajjem is-suspett raġjonevoli u qabel ma ssir kwalunkwe forma ta' mistoqsija, dan sabiex ma nibdewx xi forma ta' interrogazzjoni fejn jiskatta d-dritt tal-avukat. Wara li jsir it-test jew jiġi preżervat ir-rifjut, hemmhekk jiskattaw id-drittijiet l-oħra ta' persuna suspettata u ċioè t-twissija tas-silenzju, id-dritt tal-assistenza legali u, f'każ t'arrest, l-ittra tad-drittijiet.

Waqt illi jsir it-test irridu nżommu f'moħħna illi l-iġjene hija importanti. Ħadd ma jrid juża *mouthpiece* għat-test li kien f'idejn ħaddieħor, għalhekk il-*mouthpieces* huma kollha ppakkjati separatament. Ħaġa oħra li għandna nżommu f'moħħna hija illi jekk ma narawx fiżikament il-liċenzja tas-sewqan ma nniżżlux in-numru tagħha fis-sistema tal-*breathalyzer* u dan għall-fini li jista' jkun li s-suspettat ma jkollux/hiex liċenzja tas-sewqan valida. Apparti dan, wara t-test hemm l-element tal-preżervazzjoni tal-evidenza fejn l-irċevuta tal-*breathalyzer* trid issirilha fotokopja li għandha tiġi awtentikata u f'każ li tiġi eżebita flimkien ma' affidavit din trid tiġi ġuramentata u mmarkata fl-affidavit stess.

Sinjuri, niftakru illi fit-triq qegħdin hemm għas-sigurtà ta' kulħadd, inkluż tagħna nfusna, jiġifieri moħħkom hemm u aħdmu b'mod sigur għax dawk li jgħożżuna jriduna lura d-dar qawwijin u sħaħ.

pierguido.saliba@gov.mt







THE FIVE STAR TREATMENT
TO YOUR FURRY LOVED ONES!
At the Tat-Targa Kennels and Grooming we guarantee a five star treatment to your pets, offering an astounding clean, hygienic and comfortable kennels and catteries, making sure we keep your loved ones happy and secure.
Tat-Targa Boarding Kennels
Tat-Targa Grooming Parlour
Tat-Targa Kennels and Grooming, Triq Wied Filep, Naxxar, NXR 6710
T. 2157 3081 M. 7970 2326 E. tattargakennels@hotmail.com www.tattargakennels.com
ARDEN GRANGE
nutrition without compromise
Safe4
TAT TARGA
KENNELS & GROOMING


Ph Borg Ltd.
FUEL & LPG SUPPLIER
We delivery Fuel and LPG to
Hotels ◦ Domestic ◦ Industrial ◦ Farms ◦ Yachts
WE FOCUS ON
◦ Timely deliver
◦ 24/7 delivery service
◦ Excellent quality products
◦ Flexible credit terms
... all of which are offered by our trained staff and well equipped vehicles"
FUEL & L.P.G SUPPLIER
PhBorg Ltd.
Joseph Yard, Triq Il-Prinjol, Wied Il-Ghasel, L/O Naxxar, NXR 6345
mob: 9949 1177 web: www.phborgltd.com email: info@phborgltd.com
find us on facebook


ROYAL CANIN
WE'LL DONATE 5c
FOR EVERY KILO BOUGHT
The Royal Canin Malta Charity Campaign - Supporting Stray Animals - With this purchase you have helped dogs & cats in need. 5c per kilo
ROYAL CANIN
KITTEN
STARTER
MOTHER & BABYDOG
MAXI
26-44 kg
ADULT
Cavalier
King Charles

Jaden Paris
7 snin







Kayleigh Vella Cassia
8 snin

Dawk il-membri tal-Korp li għandhom it-tfal u jixtiequ jagħtu s-sehem tagħhom f'din il-paġna, permezz ta' kitba jew tpinġija relatata mal-Korp tal-Pulizija, jistgħu jagħmlu dan billi jagħmlu kuntatt mal-Bord Editorjali fuq magazine.police@gov.mt







EU funds for Malta 2014-2020

WASTESERV
CREATING RESOURCES FROM WASTE

MINISTRY FOR THE ENVIRONMENT,
SUSTAINABLE DEVELOPMENT AND CLIMATE CHANGE

PARLIAMENTARY SECRETARIAT
FOR EUROPEAN FUNDS AND SOCIAL DIALOGUE

PROJECT PART-FINANCED BY THE EUROPEAN UNION




Operational Programme I – European Structural and Investment Funds 2014 – 2020
"Fostering a competitive and sustainable economy to meet our challenges"
Project part-financed by the Cohesion Fund
Co-financing rate: 85% European Union; 15% National Funds

MPSC
MALTA POLICE SPORT COMMITTEE

# Avvenimenti u Informazzjoni

## MESA Bowling Tournament

Nhar il-21 ta' Novembru 2018 it-tim tal-Pulizija tal-bowling ikkompeta għal darb'oħra fil-kampjonat annwali tal-MESA fejn spiċċa fir-raba' post fost is-sitt timijiet li pparteċipaw. L-aqwa tliet (3) plejers mit-tim tal-Pulizija kienu PS 845 Ian Vella li ġab 470 punt u kklassifika fit-tmien (8) post minn 30 parteċipant, PS 463 Christopher Ellul li ġab 459 punt u kklassifika fl-għaxar (10) post u PS 492 li ġab 428 punt u kklassifika fl-erbatax (14)-il post. Fix-xhur li ġejjin il-Kumitat ħa jorganizza kampjonat ieħor fuq bażi ta' timijiet fost il-membri tagħna. Inħeġġu l-parteċipazzjoni tagħkom ħalli l-attività tkun suċċess.




Fuq nota oħra, it-tim tal-bowling tal-Pulizija bl-isem 'Strike Force', li matul dis-sena kkompeta fil-league Mapfre MSV Life National 3rd Division, rebaħ din il-kategorija billi ġie l-ewwel u rebaħ din id-diviżjoni. Ta' min ifaħħar l-impenn tal-membri li ffurmaw dan it-tim, illi mill-ħin personali u anke spejjeż tagħhom ħadu sehem u ġew inkurunati Champions tat-3rd Division.

F'isem il-Kumitat Sportiv nifirħu lit-tim 'Strike Force' ta' dan is-suċċess.

## Badger Karting

Nhar it-22 ta' Novembru 2018, għat-tieni sena konsekuttiva, il-Kumitat Sportiv organizza avveniment illi jkun ferm mistenni minn ħafna membri tal-Korp, li hu dak tal-Badger Karting. Din is-sena ta' min jgħid illi kien hemm parteċipazzjoni akbar mis-sena l-oħra, fejn 56 parteċipant li minnhom 4 kienu nisa ħadu sehem f'din it-tiġrija ferm akkanita.
Il-kompetituri ġew imqassma, skont l-aħjar ħin li għamlu fil-'qualifying session', f'kategoriji sabiex kulħadd jikkompeti b'mod ugwali.

B'kollox kien hemm sitt kategoriji u dawn kienu r-riżultati finali:

| | | |
|---|---|---|
| Kategorija 6: | Rebbieħ: | Pc 423 Victorio Ciantar (8Pd) |
| Kategorija 5: | Rebbieħ: | Pc 459 Ibrahim Hussein (5Pd) |
| Kategorija 4: | Rebbieħ: | Pc 357 Daniel Micallef (9Pd) |
| Kategorija 3: | Rebbieħ: | Pc 627 Daniel Gauci (7Pd) |
| Kategorija 2: | Rebbieħ: | Pc 1416 Daniel Frendo (5Pd) |
| Kategorija 1: | Rebbieħ: | Pc 1431 William Galea (RIU) |

Din is-sena saret ukoll għall-ewwel darba tiġrija bejn ir-rebbieħa ta' kull kategorija fejn ir-rebbieħ kien Pc 1431 William Galea. Il-Kumitat Sportiv jixtieq jirringrazzja l-istaff kollu tal-Badger Karting Race Track tal-għajnuna kollha sabiex dan kollu seħħ, u minn hawn inħeġġu sabiex ikun hemm aktar parteċipanti fl-edizzjoni li jmiss.

















## POLRUN 2018

Ir-raba' edizzjoni tal-Eurosport Polrun 5k li bħal kull sena sseħħ l-għada tal-Milied kienet ta' suċċess kbir, fejn għal darb'oħra żdiedu l-atleti u din s-sena kellna total ta' xejn inqas minn 238 atleta li spiċċaw l-istess tellieqa. Ta' min isemmi li għall-ewwel darba introduċejna ċ-*chip timing*, li niżlet tajjeb ferm mal-atleti.



Swaey Bros Ltd
Malta

Swaey Bros Ltd has been selling and hiring cranes since 1983. The company has vast experience in many small to large-scale projects. Apart from other services, Swaey Bros Ltd is also the sole agent of hydraulic equipment parts of many renowned brands.




- Crane Fleet ranging from 25 to 200tons
- Specializing in Boat Lifting & Transport
- Self Erecting / Static Tower Crane; Sales, Rentals, Erection and Dismantling.
- Safe Load Indicator installations
- Radio Remote Controllers suitable for various industrial applications
- Repairs on all types of Hydraulic Equipment
- Mobile Machinery Sales
- Wide range of Lifting belts, Chain slings,
- Wire ropes and Accessories.

"Vella Garage" Notabile Rd,
Il-Blata l-Gholja, Mosta MST 11
Tel: +356 21416163 / 21433380,
Fax +356 21413115 Mob: +356 99492362.
www.swaey.com email: swaey@swaey.com

Float Master
Dinghy sales & repairs



Float Master
Triq San Pawl
tal-Qliegha ,
Mosta MST 9094

Call
79 050 496

floatmastermalta@gmail.com
www.floatmastermalta.com

we offer the
Total Solution

furse ABB



The Total Solution to all your Lightning Protection and Earthing needs. Structural Lightning Protection, Earthing materials, Electronic Systems Protection and System Design.

MCE
Since 1976

*Your Guarantee to Quality Products*

MCE HOUSE, TRIQ L-INDUSTRIJA, QORMI
Tel: 2148 6213, 2144 1275 | Fax: 2148 6184 | Email: sales@mcemalta.com | www.mcemalta.com


ATTRANS
International Transport
Groupage & Full load Movements, Freight Forwarding, Temperature Controlled Logistics, Car Transport Services & Warehousing.
Offered to and from any European Destination, Asia & North Africa.
attrans.com
OFFICES IN MALTA - ITALY - THE NETHERLANDS - SLOVENIA
Attrans Limited.
Attrans Depot, Mdina Road, Żebbuġ ŻBG 9018, Malta.
Tel: +356 2258 5500
Email: info@attrans.com
facebook.com/attrans
attrans.com


GARMIN
Drive™ 40LM
4" DISPLAY
New added features with 24 EU preloaded countries
€99.99
Incl VAT
Drive™ 52 & Live Traffic
5" DISPLAY
Easy-to-use 5" sat-nav with live traffic1
€170
Incl VAT
medcomms
MARINE ELECTRONICS
4, Msida Road, Gzira. Tel: 2133 5521
info@medcomms.com.mt www.garminmalta.com


BOOST
PREMIUM QUALITY DIESEL 55 60
ASK FOR BOOST
AT YOUR NEAREST SERVICE STATION
REGISTER TO BENEFIT
www.boostdiesel.com

Ir-rotta tul Triq il-Kosta ntrebħet mis-Sur Philip Vella f'ħin ta' 16'57" u l-ewwel mara li kklassifikat hi s-SA Giselle Camilleri f'ħin ta' 19'06".

Fl-aħħar tat-tellieqa ġew mogħtija l-premjijiet lir-rebbieħa msemmija kif ukoll tal-kategoriji rispettivi mill-Eċċellenza Tagħha, il-President ta' Malta Dr Marie Louise Coleiro Preca kif ukoll mill-Kummissarju tal-Pulizija s-Sur Lawrence Cutajar. Għotja ta' €2,300 ġiet mogħtija lill-President ta' Malta għall-Community Chest Fund.

Ta' min jirringrazzja lill-isponsors Eurosport, Medcomms Ltd, Nyoo Destination Wellness u Brighter Solutions Limited tas-sapport tagħhom biex tittella' tellieqa ta' dan il-livell.






## GOZO Cup

Fis-27 ta' Diċembru 2018, ġewwa l-futbol grawnd ta' Għajnsielem, ġewwa Għawdex, intlagħbet il-logħba bejn selezzjoni ta' Pulizija Għawdxin kontra selezzjoni ta' Pulizija Maltin sabiex jinħatar ir-rebbieħ tal-Gozo Cup. Ta' min jgħid li għall-ewwel darba t-tim tal-Għawdxin kien magħmul minn membri tal-Korp stazzjonati ġewwa Malta u Għawdex. Din is-sezzjoni kienet waħda ferm tajba tant li waqt il-logħba kienu ferm dominanti fuq is-selezzjoni tal-Pulizija minn Malta. Iżda t-tim Malti rebaħ bl-iskor ta' 3-0 fejn spikka PC 411 Jurgen Schriha li skurja hu t-tliet gowls. B'hekk il-Gozo Cup intrebħet mis-selezzjoni tal-Pulizija ta' Malta.

Il-Kumitat Sportiv jixtieq jirringrazzja lil kull min ta kontribut sabiex dan kollu seta' jseħħ, b'mod partikolari lil PS 845 Ian Vella stazzjonat l-għassa l-Mosta u PC 1130 Bjorn Sammut stazzjonat ġewwa Għawdex fejn ħadu ħsieb sabiex jagħqdu s-selezzjoni ta' Pulizija Għawdxin, kif ukoll lil Għajnsielem FC li pprovdew il-grawnd tagħhom.

## Commissioner's Cup

Fid-29 ta' Diċembru 2018, ġewwa l-Victor Tedesco Stadium, il-Ħamrun intlagħbet il-Commissioner's Cup fejn selezzjoni ta' Pulizija lagħbu kontra selezzjoni ta' uffiċjali għolja tal-Pulizija sabiex jinħatar ir-rebbieħ tal-Commissioner's Cup fejn ir-rebbieħa kienu l-'Other Ranks'.

Wieħed irid japprezza lil kull min ħa ħsieb biex din il-partita sseħħ. Il-Kumitat Sportiv jixtieq jirringrazzja lill-Kummissarju tal-Pulizija, is-Sur Lawrence Cutajar li għoġbu jingħaqad fi tmiem il-logħba sabiex iqassam it-tazza lir-rebbieħa kif ukoll lill-Ħamrun FC li laqgħuna fil-grawnd tagħhom sabiex tintlagħab din il-logħba.

mpsc.police@gov.mt

CAMEL BRAND
FOOD PRODUCTS

*Trade enquiries:*

*Tel: 21466292*

*E-mail: camelbrd@maltanet.net*

*Web: www.camelbrandmalta.com*



Santa Lucia
Est. 1975
Cafeteria ~ Pasticceria ~ Dolceria



**Café Santa Lucia**
Old Railway Track,
Attard
**Tel: 21 417 894**

**Dolceria Santa Lucia**
39, Main Street,
Rabat
**Tel: 21 451 852**

www.santaluciacafe.com
info@santaluciacafe.com


Pincott Security Limited
Established 1972
185 Rue D'Argens, Msida MSD 1360, Malta
Tel: 21330200 / 21311683
E-mail: sales@pincottsecurity.com
Website: www.pincottsecurity.com
PINCOTT
SECURITY
Time Attendance
and Access Control
Biometric System
Verify FP
006402
Verified!
VP30
14:03
08-08-13
THU
ANVIZ


BTIUNIFORMS
PASSION, PRECISION, DISTINCTION
BUSINESSWEAR - SCHOOLS
HOSPITALITY - WORKWEAR
MEDICAL - SAFETY
CONTACT US
CORRADINO: 2202 2720
MOSTA: 2202 2730
GOZO: 2202 2740
HEAD OFFICE: 2202 2979
BTIUNIFORMS.COM


www.ptl.com.mt
ptl
We can help your
business to go anywhere.
Technical Solutions / Software Engineering / Consulting / InfoSec
We partner with:
vmware
Lenovo
redhat
Nagios
Microsoft
NCR
IBM
ORACLE
CISCO


CUSTOMIZED & COMPLETE SOLUTIONS
FOR LOW VOLTAGE EQUIPMENT
Modular MCB Distribution Panels
Street Lighting Panels
Utility Type Metering Units
400A, 4 way 200A Radial Pillar
MCB Panels for Domestic Applications (Consumer Units)
Complete Package Substations up to 1500kVA
Modular Main Panels up to 4000A
Automatic And Manual Change Over Units, From 250-2500a
Steel or Polyester Feeder Pillars
Board 1600A
Steel Fabrication Facility
State-of-the-art CNC Punching and Bending Machine
Products Assebly Lines In A Dedicated Assembly Area Of Circa 2000m²
• Cabinets for Package Substations
• Change Over Switches
• Main Distribution Switchboards
• MCB Panels for Domestic Application
• MCB Panels for Industrial Application
• MCCB Enclosure 630A, 400A, 250A & 100A Frame
• Outdoor Feeder Cabinets (BS Fusegear)
• Outdoor Feeder Pillar
• Package Substations
• Street Lighting Panels
• Sub-Distribution Switchboards
• Utility Type Energy Meter Enclosure
• Utility Type Final Distribution Enclosure
We have a wide portfolio of products raging from complete package substations to the smallest MCB Panels for domestic use.
mpe
Mediterranean Power Electric co Ltd SWITCHGEAR
WWW.MPE.COM.MT Tel: 21 220 771, 21 232 373, 21 221 497
A 18B, Qasam Industrijali, Marsa MRS 3000 | Email: info@mpe.com.mt


mangion brothers zurrieq ltd
Valletta Road, Zurrieq ZRQ 9010
Tel: 21649590 – 21642649
Mob: 79492624/5
e-mail: mangionbrothers@gmail.com
• Building Construction • Concrete Mix • Concrete Blocks
• Concrete Pump Hire • Excavation Works


Kee Klamp
STRUCTURAL FITTINGS
for 1001 uses
Kee Klamp jointed Tubular Construction
Kee Klamp jointed Storage Racking
Kee Klamp jointed Guard Railing
Kee Guard Roof Edge Protection
Hiring of KEE KLAMP jointed Mobile Access Towers, Trusses, Staging, Event Structures, Platforms, Hoarding, Spectator Grandstands, etc.
www.keesafety.co.uk
JOSEPH F. SPITERI & CO. (1927) LTD.
ENGINEERS & CONTRACTORS
121, Marina Street, Pieta' PTA 9043 E-mail: ozzi@jfspiteri.com.mt
Tel: 21 24 66 70 Mob: 99 49 05 38


PRESCO
SCAFFOLDING COUPLERS
www.presco.co.uk
Revvo
Scaffold Castors
www.revvo.co.uk

# Il-Bilanċ bejn il-Popolazzjoni u l-Armonija Soċjali

Minn Dr Anthony Licari, Lettur Universitarju fil-Lingwistika u x-Xjenzi Umani,
Interpretu u Traduttur bi speċjalizzazzjoni fil-lingwa Franċiża

L-istudju dwar iċ-ċaqliq tal-popolazzjoni jaqa' taħt il-kappa ta' suġġett permanenti li jissejjaħ 'Demografija'. Għaliex id-Demografija hi suġġett permanenti? Ir-risposta hi faċli, għaliex il-popolazzjoni tad-dinja, anki ta' pajjiż speċifiku, qatt ma tkun stabbli numerikament ħlief għal perjodi qosra matul l-istorja. Daqqatonqos bl-imwiet kawżati mill-gwerer (għax il-bniedem moħħu biex jivvinta l-gwerer wara li jgħid 'din l-aħħar waħda', kif ukoll għaliex ironikament il-foqra jħobbu jkollhom ħafna tfal anki meta ma jkollhomx x'jitimgħuhom). Il-probabbilità hi li kull pajjiż jikber fil-popolazzjoni tiegħu għaliex it-tendenza hi li kull wild f'familja jkollu wlied li flimkien jagħmlu numru akbar mill-familja oriġinali tiegħu. In-Nazzjonijiet Uniti kemm il-darba ħolqu u ppromovew programmi ta' kontroll tat-twelid.

Meta ngħidu 'ċaqliq' tal-popolazzjoni, ma jfissirx biss it-tkabbir fin-numru, iżda wkoll iċ-ċaqliq ta' popolazzjoni – jew parti minnha – minn post għal ieħor. Dan isir minħabba xi raġuni jew oħra. Jista' jkun li fejn wieħed ikun joqgħod ikun hemm xi tip ta' periklu naturali – bħal terrimoti jew tsunami – jew inkella politiku u/jew soċjali bħal dittatura kiefra u intolleranti jew inkella anarkija, ċioè pajjiż fejn kulħadd jieħu l-liġi f'idejh.

Iċ-ċaqliq minn post għal ieħor jista' jkollu wkoll raġuni ta' faqar u dak li jkun iħoss li xi mkien ieħor se jkollu ħajja aħjar. Il-faqar jista' jkun reali jew perċezzjoni, ċioè jista' jkun li numru ta' nies isofru l-ingann tat-traffikanti tan-nies li jikkonvinċuhom li l-Ewropa, l-Awstralja, l-Amerika eċċ., huma kontinent mimlijin ġid fejn kulħadd komdu u kuntent u fejn bilkemm għandek bżonn taħdem. Il-pulizija li jaħdmu fil-qasam tal-immigrazzjoni spiss jiltaqgħu ma' każi bħal dawn, fejn nies minn pajjiżi oħra jistqarru li xi ħadd qalilhom li l-pajjiżi tal-Punent għandhom prattikament it-toroq miksijin bid-deheb u li l-istat jipprovdi għall-bżonnijiet kollha bażiċi u saħansitra lil hinn minn dak li hu bażiku. Għalhekk, in-nies li jaħdmu spiss mal-immigranti, bħal pulizija u l-interpreti, jiltaqgħu ma' persuni li jiskantaw kif il-wegħdiet tat-traffikanti kienu biss duħħan.

Ma' dawn il-promoturi tal-immigrazzjoni nsibu wkoll persuni li jikru vapur tad-divertiment – li legalment jissejjaħ 'pleasure craft' – u jerħula lejn il-kosta Mediterranja tal-Afrika minn fejn jiġbru numru kbir ta' immigranti ftit kilometri biss 'il bogħod mill-kosta minn fejn ikunu telqu. B'dawn l-immigranti jerħula lejn l-Ewropa fejn suppost hemm ġid, kumdità u divertiment liema bħalhom. Il-baħrin fuq il-vapuri tad-divertiment jistqarru li ħadd ma jħallashom xejn. Mhux faċli biex wieħed jemmen dan, peress li bla flus li tgħannaq, la tbus, la tixtri jew tikri vapuri tad-divertiment, la ttih il-fjuwil u lanqas tiekol u tixrob int stess.

L-immigrazzjoni f'pajjiżna jista' jkollha effetti pożittivi jew negattivi. Pereżempju l-impjiegi tal-immigranti legali jħallu taxxi fil-kaxxa ta' Malta. Iżda l-preżenza tal-immigranti tagħfas ukoll fuq is-servizzi soċjali u l-paga diċenti għall-ħaddiema Maltin, peress li dawn ikunu inqas preferuti minn ħaddiema barranin li jaċċettaw paga inqas.

Il-membri tal-Korp tal-Pulizija u l-unjins tagħhom għandhom ukoll kull dritt li jinteressaw ruħhom f'din is-sitwazzjoni u kif taffettwa lilhom, lill-familji tagħhom u liċ-ċittadini li għandhom id-dover li jipproteġu. Dan għaliex dawn il-ħaddiema huma

milqutin aktar direttament miż-żieda tal-popolazzjoni fil-pajjiż. Sfortunatament fil-pajjiż jeżistu nies li għandhom ċertu fanatiżmu għall-immigrazzjoni. Dawn jissejħu 'immigrazzjonisti', ċioè persuni li jieħdu sodisfazzjon enormi jaraw żieda għamja u galoppanti fil-popolazzjoni mingħajr ma jqisu l-effetti negattivi. Kif tagħraf persuna immigrazzjonista? Wieħed mill-metodi hu meta jesprimu raġunament ta' dan it-tip: jekk f'sena jkun hawn fil-pajjiż 100 reat mill-Maltin u 100 reat mill-barranin, jgħidulek li hemm bilanċ fil-probabbilità tar-reati. Matematikament u soċjalment dan hu raġunament pwerili jekk mhux ukoll stupidu. Inti kif tista' tgħid li persentaġġ ta' pereżempju 10% ta' nofs miljun u ta' mitt elf huma l-istess? Kif jgħidu l-Ingliżi, "The mind boggles", jiġifieri, "Dan x'taħwid hu?"

Nassumu li fil-pajjiż hawn pulizija wieħed għal kull 500 ruħ. Jekk dawn il-500 ruħ jiżdiedu għal 700, ovvjament trid iżżid ukoll in-numru tal-pulizija bl-istess persentaġġ. L-effett tal-immigrazzjoni fuq il-pulizija hu enormi. Jiena naħseb li l-korrimenti kriminali fuq il-pulizija żdiedu mqar għax mhux dejjem inkunu nafu l-passat ta' min jiġi f'Malta. Bħala espert tal-Franċiż, u spiss interpretu, ġieli kont viċin pulizija mweġġgħa u ddejjaqt ħafna għax inqishom bħala ħuti.

Issa apparti l-korrimenti, hemm ukoll il-pressjoni fuq ix-xogħol tal-pulizija. Nappella lil politiċi li jifhmu iżjed din il-problema. Nappellalhom ukoll li jżuru regolarment l-għases tal-pulizija u jottjenu informazzjoni diretta dwar il-bżonnijiet tagħhom. Wara kollox, kull politiku jħobb jgħid li hu viċin il-poplu u l-pulizija hu parti mill-poplu.

Ngħaddi issa għall-effetti iktar ġenerali taż-żieda tal-popolazzjoni fuq il-pajjiż u r-residenti. Dan hu wkoll parti mill-istudju tad-Demografija.
Iż-żieda massiva tal-popolazzjoni żżid magħha bżonn ikbar fis-servizzi mediċi, ċioè fin-numru ta' sptarijiet, kliniċi, ambulanzi, mediċini u n-numru ta' tobba u infermieri. Hu faċli li titkellem fuq is-sbuħija tat-taħlit kbir multikulturali bħal tfajjel tal-iskola primarja jxejjer il-bnadar tal-pajjiżi kollha bħala divertiment. Naturalment, it-twissijiet tad-Demografija mhuma xejn divertenti.

Iż-żieda massiva fil-popolazzjoni żżid ukoll it-tnaqqis tal-kampanja. Waqt li kulħadd jammetti li l-kampanja hi neċessarja għas-saħħa u d-divertiment, qajla ssib nies li jgħidulek li għandhom l-intenzjoni li jpoġġu fil-Parlament lokali u Ewropew, persuna li, kif għandu jkun, ikunu fanatiċi tal-kampanja għall-ġid tagħna u ta' wliedna.

**It-trasport:** ma tridx tkun wisq għaref biex tinduna li l-problema tat-traffiku f'Malta kibret sew. Ġieli tieħu tul ta' ħin esaġerat biex tavvanza ftit kilometri. L-Istat joffri s-soluzzjoni taż-żieda jew it-twessigħ tat-toroq. Din hi ħaġa bżonnjuża u pożittiva. Madankollu, jekk pereżempju, kull sena jiżdiedu fit-toroq elf karrozza minħabba l-fatt li l-popolazzjoni tkun qed tiżdied bi kważi l-istess numru kull sena, inkunu konvinti li spazju dejjem insibu? Skont il-liġi tal-probabbilità, pajjiż ta' ftit kilometri kwadri li jżid 'il fuq minn elf persuna u elf karrozza kull sena, ma jdumx ma jsib ruħu staġnat.

Imma donnu dan ma jimpurtax wisq għax naħsbu li għandna s-soluzzjoni ta' kollox. Dan l-aħħar qegħdin nitkellmu spiss dwar it-tkabbir tal-art biex jiżdied il-kobor tal-pajjiż u allura nkomplu nżidu n-nies u l-karozzi. Dan sakemm nindunaw li s-soluzzjoni li ħlomna biha hi biss xewqa ewforika, ċioè ferħ kbir għax inkunu konvinti li aħna bla limitfil-kapaċità tagħna li nsolvu kull problema. U wara kollox, jekk ma nkabbrux l-art biżżejjed, hemm miljuni ta' pjaneti oħra li aktarx huma vojta minn kollox. Imma dejjem hemm bidu u ma ndumux ma nibdlu pjaneti oħrajn f'dinjiet oħrajn staġnati.

anthonyl@maltanet.net


CENTRAL CEMENT LIMITED
Incorporating Jumbo Bags Ltd.
Suppliers of Bulk Cement
Packed Cement in
1500kg, 50kg & 25kg
Suppliers of other types of
Cement
FOR BEST
QUALITY
AND SERVICE
CemHouse, National Road,
Blata l-Bajda, HMR 9011,
Malta
Tel: 21232282, 21232920
Fax: 21221659
email:
centralcement@euroweb.net.mt


SUMMIT
Summit Importers
and Distributors
Skirting with round edges
or beveling
on all types of tiles.
Tile adhesive for any
type of materials.
Web: www.summit.com.mt
Email: m.sammut@summit.com.mt
Tal-Balal Road, Tax-Xwieki,
Limits of Gharghur IKL 9013
Tel/Fax: 2141 1206
Mobile: 7989 0134


BALLUT
BLOCKS
Ballut Blocks Ltd. Wied Filep, L/O Naxxar, Malta
Tel: (356) 21573093, 21572666,21576419, 21487738 Fax: (356) 21575562 E-Mail: ballut@ballutblocks.com
Ballut Blocks, formed in 1951, is one of the earliest to be established in the local building and construction industry and was amongst the very first to be registered as a limited liability company in 1964. Over the years the Company has expanded, from the production of concrete blocks to the manufacture of all types of prefabricated concrete products and to the formation of a comprehensive fleet of specialised equipment for earth-moving, rock cutting and other civil engineering works.
FROM STRENGTH
TO STRENGTH
PROVIDING SERVICE TO THE
CONSTRUCTION INDUSTRY
Precast Windows
Demolition Works
Trenching Works
Concrete Bricks
Excavation
Precast Slab Roofing
Tunnelling
Tunnelling Machine
Ready Mix Concrete
Piling Machine
Piles
Precast Walls
GPC
Concrete Solutions
General Precast Concrete Ltd Hal Far Industrial Estate
Tel: (356) 21653802, (356) 21653005 Fax: (356) 21659536 E-Mail: info@generalprecastconcrete.com
www.ballutblocks.com


BRIDGE POINT
BRIDGEPOINT SHOWROOM, OLD RAILWAY TRACK, ST VENERA
2792 2222 // WWW.BRIDGEPOINTMALTA.COM


M.DEMAJO
(Timbers) Ltd.
KAINDL
LAMINATE PARQUET
ENGINEERED PARQUET
SOLID PARQUET
SOLID WOOD STEPS
OUTDOOR DECKING
Kaindl
Laminate
As specialists in the provision and supply of laminate parquet representing the world-renowned Austrian brand Kaindl we offer an extensive range of top quality laminates in various textures and colours as well as matching skirting. Now also with the wallsystem floor up which allows floor boards to be installed on almost every wall. Perfectly simple. Simply Perfect.
NEW OPENING HOURS: Monday to Friday 0700hrs – 1800hrs | Saturday 0700hrs -1100hrs
Find us on Facebook
M.Demajo (Timbers) Ltd. Olive Square, Qormi
Tel: 21487 0781 | Mob: 9988 7741
Email: timbers@demajo.com
A member of the M.DEMAJO group


stuart
DOMESTIC & COMMERCIAL PUMPS
STUART TURNER
ENGINEERED TO EXCEL
showermate
BOOSTING PUMPS -PLASTIC
wasteflo
WASTE WATER MACERATORS AND LIFTING STATIONS
SUBMERSIBLE PUMPS
flomate
MAINS BOOST PUMPS
monsoon
BOOSTING PUMPS - BRASS
V.Demajo bros.
HARDWARE DIVISION
15/17, Vjal Kristu Re, Paola
Tel: 2169 4502 • 2182 4628
Email: hardware@vdemajo.com.mt
Website: www.vdemajo.com.mt

# International Police Association - Malta Section



On the 24th October our National Treasurer Sgt Janet Zammit met Swiss President Jean-Pierre Allet together with his family. They were on holiday on board the MSC Cruise liner which arrived on the day. The Treasurer took them for a tour around Valletta and afterwards they both exchanged gifts.

**Remembering our colleagues:** Once again Sunday 4th November, was the day when the highest police ranks including the Commissioner of Police Mr Lawrence Cutajar and the Hon. Minister for Home Affairs and National Security Dr Michael Farrugia met at Maria Addolorata Cemetery to remember and pray for our past colleagues. After Fr. Ray Bonnici concelebrated Mass at 9a.m, the whole congregation walked down the hill to the Police graves which at that time were surrounded by a considerable crowd of relatives and friends. Being November's first Sunday, the month dedicated to the death, one could notice several people moving in different directions, carrying bouquet of flowers and candles to be placed on the graves of their love ones. As Fr. Raymond prayed and blessed the graves, there was complete silence when the trumpeters sounded the 'Last post' followed by one minute of silence and the 'Reveille'. This year a 7 member firing party with rifles performed a three-volley salute in memory of the departed officers. Wreaths were then laid on behalf of the Government, the Commissioner and various associations and unions. IPA Malta was represented by Joe Mamo and Lino Agius.



**Remembrance Day (Poppy day):** On Sunday 11th November, the two-minute silence have been observed since the end of World War 1, but their relevance in this day and age remains undiminished. As heads bow down in reflection, those who fought for freedom are remembered. A Guard of Honour from The Armed Forces of Malta and the Malta Police Force took part in the wreath laying ceremony on the war memorial in Floriana. Top government dignitaries and members of the diplomatic corps laid wreaths. IPA Malta Section was represented by Joe Mamo.



**Christmas event:** A Buffet Dinner was held on the 12th December 2018 at Seashells Resort in St Paul's Bay. A huge attendance of 200+ enjoyed the lavish buffet dinner and participated in the fund raising raffle in aid or our Section. Thanks to all committee members whom had a part in this hard working productive year for 2018.

ipamalta@gmail.com

# Malta Association of Retired Police Officers

eks-Surġent u Teżorier Joe Borda (M.A.R.P.O.)

## Il-Laqgħa mal-Kummissarju tal-Kumitat 'Ad Hoc'

Nhar l-Erbgħa 9 ta' Jannar 2019 membri mill-MARPO ltaqgħu mal-Kummissarju għal-laqgħa tal-Kumitat 'Ad Hoc' li ssir regolarment flimkien mas-CEO s-Sur Angelo Gafà u r-rappreżentanti tal-Unjins tal-Pulizija l-MPA u l-POU.  Din kienet l-ewwel waħda għal din is-sena.

F'dawn il-laqgħat jiġi diskuss primarjament l-iffinanzjar tad-diversi attivitajiet li jkunu organizzati matul is-sena kif ukoll dwar id-diversi fondi li jeżistu għall-membri tal-Korp.

F'din il-laqgħa partikulari ġie diskuss dak li konna ftehemna fuq il-ħlas tal-MHA - dik magħrufa aktar bħala tal-mejtin. Il-ħlas issa se jissokta billi se jitħallas l-ewwel dak il-ħlas ta' dawk li mietu peress li l-ħlas tagħhom kien miżmum. Se jitħallsu wkoll dawk l-aktar anzjani u wara jibqa' jitkompla l-ħlas lil dawk li jiġu wara u tibqa' sejra hekk sakemm jitħallas kulħadd.

Kif tafu kien miftiehem li dawk li kienu regolari fil-ħlas sal-aħħar ta' Diċembru 2017 jingħataw lura s-somma ekwivalenti ta' dak li jkunu kkontribwew.

## Il-Laqgħa Ġenerali Annwali

Nhar il-Ħadd 5 ta' Mejju 2019 se tinżamm il-Laqgħa Ġenerali Annwali. F'din il-laqgħa se jkun hemm ukoll l-elezzjoni għal Kumitat ġdid għat-tliet snin li ġejjin. Minn hawn inħeġġeġ lil dawk li huma interessati li jikkontestaw l-elezzjoni biex javviċinaw lili jew lill-Kaxxier Joe Borda. Huwa importanti li l-Kumitat ikun sħiħ b'nies iddedikati li jikkontribwixxu għall-ġid ta' kulħadd.
Infakkar ukoll li huwa ż-żmien li wieħed ikun regolari fil-ħlas tal-menswalità. Dwar dawn l-attivitajiet ngħaddilkom aktar informazzjoni 'l quddiem.

Ray Zammit - Segretarju

## Intervista ma' eks membri tal-Korp - Eks Surġent 496 Liberat Pace

Nhar id-29 ta' Jannar 2019, żorna lil eks Surġent 496 Liberat Pace fejn qasam magħna esperjenzi tas-servizz li kellu fil-Korp. Liberat, Għawdxi, bin Pascal li kien pulizija bin-numru 565, ħuh l-Ispettur Francis u jkun naturali li ibnu Frank sar surġent ukoll. Familja li d-dixxiplina kienet fihom, fejn bil-paga modesta tal-Korp rabbew il-familji rispettivi.

Meta mistoqsi x'ħajru li jidħol fil-Korp, Liberat qalilna li għalkemm huwa kien bniedem miġbud lejn is-sengħa, kien ħuh Francis li ħajru wkoll jidħol fil-Korp fil-5 ta' Lulju 1950. Kien irrapporta fil-Kwartieri ta' dak iż-żmien ġewwa Fleur de Lys, b'tul ta' 6 piedi 2 pulzieri neqsin linja. L-eżami kien billi tawh gazzetta, waħda bil-Malti 'Il-Berqa' u l-oħra 'Times of Malta' sabiex jaqra quddiem uffiċjal u wara jagħmel bil-kitba fil-qosor dak li qara. Wara li għadda ngħata l-ġurament ta' lealtà, dak iż-żmien lejn il-Kuruna.

Mistoqsi fejn kien ġie stazzjonat, Liberat qalilna li l-ewwel żmien tiegħu kien fl-uffiċċju tal-RSM, fejn fost xogħol ieħor kellu jkejjel it-tul tal-applikanti l-ġodda. L-RSM kien għamel biċċa karta b' *tape* mal-bieb ta' tul rikjest sabiex dawk li kienu jew iħokku jew bilkemm imissu magħha kienu jiġu mkejla mill-RSM stess. Peress li kellu kaligrafija sabiħa, is-Supretendent tat-Traffiku Lanzon ħadu miegħu sabiex jikteb, dak iż-żmien bl-idejn, it-taħrika tal-kontravenzjonijiet u r-reati. L-uffiċċju kien fejn illum hemm is-Sala Vilhena.



Wara ftit ta' żmien, ġie stazzjonat l-għassa Bormla, dak iż-żmien f'Two Gate Street. Peress li kien fih persuna kien ikun iddettaljat l-Isla, bin-Navy Brittanika sorġuta l-Port u ħafna ħwienet tax-xorb u dak kollu li jġib miegħu.

Kien is-Sur De Grey li ħajru sabiex jagħmel l-eżami ta' surġent u fil-31 ta' Marzu 1955 bħala surġent ġie stazzjonat l-għassa tal-Belt Valletta fuq il-beat. Kien hemm drawwa li jkun hemm surġent tal-għassa u wieħed fuq il-beat. Liberat stqarr li fil-festa ta' San Pawl, waqt li kien xogħol iltaqa' ma' dik li kellha tkun martu.

Liberat għamel ftit ta' żmien in-Naxxar, però reġa' sab postu l-Belt. Darba kien hemm serqa mill-ħanut tad-deheb ta' Debono u taħt id-direzzjoni tas-Supretendent Mifsud Tommasi u l-Ispettur Pawlu Attard, wara informazzjoni anonima nstab id-deheb moħbi f'bir f'Rikażoli fejn il-persuna li għamel dak ir-reat inqabdet.

Liberat jiftakar meta kien inqala' l-inkwiet tal-kwistjoni tal-Integration fejn kien ikun *fixed point* man-National Bank of Malta bid-demostranti jgaraw il-ġebel. Jiftakar meta kien jagħmel ir-ronda fuq il-beat sabiex ma jħallix nies tinġemgħa, kif ukoll semma meta kienu nqatlu żewġt iżwiemel tal-Kavallerija bl-imwies.

Jiftakar meta fis-sittinijiet, ċertu Buontempo li kien bin-negozju tat-televisions kien ġab sett bil-kulur u peress li dak iż-żmien kellek bżonn liċenzja, kien tah twissija li ma setax ibigħ televisions bil-kulur.

Semma meta kien qala' transfer intortament lejn l-għassa tar-Rabat Malta (5 xhur) minħabba li pulizija kienu taw xebgħa nobis lil żewġ baħrin Ingliżi li kienu fis-sakra mhux fil-preżenza tiegħu imma kellu jerfa' r-responsabbilità. Għamel żmien ukoll fil-*happy* station ta' Malta, f'Tas-Sliema u għal xi żmien in-Naxxar. Imma qalbu kienet il-Belt fejn wara reġa' sab postu.



Liberat uriena taħrika sabiex jitla' jixhed fil-Qorti Ingliża f'ġuri, fejn l-imputat sostna li kien joqgħod f'ċertu post fi triq fil-Belt Valletta meta dan ma kienx il-każ. Dan il-ġuri ntemm qabel ma beda peress li l-imputat neħħa ruħu b'idejh meta bil-provi kollha li kienu ġejjin minn Malta sfuma fix-xejn l-alibi tiegħu. Spetturi ġodda li kienu jintbagħtu l-Belt u riedu jaħdmu kienu joħorġu miegħu fuq il-beat, fejn Liberat kien jagħtihom informazzjoni neċessarja fuq nies, każini, għaqdiet u individwi li jkunu ta' karattru suspettuż.

Dan l-aħħar fuq il-mezzi tal-midja kien hemm statistika u rappurtaġġ fuq persuni rrappurtati nieqsa. Liberat semma żewġ okkażjonijiet ta' rapporti ta' nies nieqsa. Beda biex qal li s-sigriet huwa li meta tkun stazzjonat f'belt jew raħal fost oħrajn taħrat bir-riġel il-post, titkellem u tiltaqa' ma' kulħadd, tikseb il-fiduċja tar-residenti u tixrob l-informazzjoni sabiex meta s-superjuri jkollhom bżonn ta' persuna kull m'għandek tiftaħ il-memorja u tkun taf l-indirizz u l-postijiet fejn is-soltu jiffrekwenta.

Semma wkoll episodju fejn tfajla ġiet irrapportata nieqsa. Dak iż-żmien Liberat kien joqgħod il-Furjana u huwa u dieħel il-Belt kien innota tfajla ħierġa minn vettura ta' persuna li kien jaf mill-Furjana. Meta l-ispettur qallu li riedu li din it-tfajla tinstab, Liberat mar għand dak ir-raġel li qallu sabiex imur f'ħanut f'Kalafrana. Għalhekk huwa talab sabiex ikollu karozza mid-Depot għax dak iż-żmien lanqas il-Belt ma kellhom trasport fejn sabu lil din it-tfajla qabel ma qabdet it-triq il-ħażina.

Mistoqsi jekk, *once a police always a police*, Liberat qalilna li ftit wara li kien spiċċa mill-Korp ġie msejjaħ biex jixhed u wara l-ġurament li ħa qabel ix-xhieda stqarr li dak li ser jgħid għalkemm m'għadux pulizija jħossu marbut bl-istess ġurament li kien ħa meta daħal fil-Korp. Liberat għamel appell lil Pulizija kollha imma speċjalment dawk li jkunu f'postijiet viżibbli li jkunu smart fl-apparenza kemm ta' persunithom kif ukoll bl-uniformi għaliex huma l-vetrina tal-Korp. Rigward kif iċ-ċittadini jħarsu lejn il-membri tal-Korp, huwa stqarr li dejjem jirrispetta liċ-ċittadin sabiex huma jirrispettaw lill-membri tal-Korp. Liberat kien spiċċa mill-Korp fis-7 ta' Marzu 1978.

Il-familja ta' Liberat tħoss li tagħmel parti mill-Korp. Huwa qatt ma kellu ħbieb intimi, infatti mix-xogħol għad-dar u mid-dar għax-xogħol u dejjem ħareġ mal-familja. Il-familja u s-servizz dejjem ġew l-ewwel. Meta temm is-servizz huwa kompla jaħdem għal 25 sena oħra ma' kumpanija privata sakemm irtira wara 50 sena xogħol.

Nirringrazzjaw lil Liberat ta' din l-intervista u nawgurawlu.

Intervistat minn Martin Pace u Joseph Borda, membri tal-MARPO.

## Ħarġa għal Għawdex

**Żommu d-data tas-Sibt 27 t'April 2019 għal ħarġa oħra għal Għawdex.**
**Għal aktar dettalji ċempel...**
**John Mizzi - 7944 4673 - Albert Polidano - 7986 1002**







fgp
The Garage Door People



FGP Ltd is Malta's largest and longest established garage door manufacturer. Supplying all kinds of custom made residential, commercial & industrial garage doors, gates and remote control automations.

**FGP Ltd. 109, Valletta Road Luqa. Tel: 21673627, 21667107/8**
**Email: sales@fgp.com.mt Web: www.fgp.com.mt**

TAL-MAGHTAB
CONSTRUCTION



BUILDING TOWARDS A BETTER FUTURE
DEMOLITION |EXCAVATION | ROAD WORKS | CONSTRUCTION
email: info@tmc.com.mt
00356 21422003 | 00356 99439191

WB White Brothers Limited



- Haulage Services
- Machinery & Plant Removals
- Customs Agency
- Freight Forwarding
- Warehousing
- Personal Effects
- Packing & Packaging

White Brothers Building, St. Bernard Street, Marsa MRS 1332 - Malta
Tel: [+356] 21 245512 • Fax: [+356] 21 247374 • E-mail: info@whitebrosmalta.com

www.whitebrosmalta.com



Ex PC 722 Vincent Bonavia
1927 - 2018
1947 - 1972



Ex PC 918 Michael Cini
1931 - 2018
1951 - 1978



Ex PC 425 Joseph Farrugia
1948 - 2018
1976 - 2006



Ex 2/SM 958 Joseph Bonnici
1927 - 2018
1954 - 1980



Ex PS 587 George Zammit
1929 - 2018
1952 - 1977



Ex PS 1249 Stephen Cachia
1946 - 2018
1969 - 2002



Ex PC 1116 Alfred Azzopardi
1940 - 2018
1959 - 1978 & 1991 - 2000



Ex PS 21 Carmelo Bonnano
1942 - 2018
1961 - 1981



Ex PC 915 Anthony Farrugia
1931 - 2018
1954 - 1979



Superintendent Edel Mary Camilleri
1975 - 2018
2001 - 2018
*(serving)*



Ex PS 1132 Anthony Sammut
1947 - 2019
1966 - 1998



Ex WPS 10 Rita Micallef
1935 - 2019
1956 - 1981



Ex 2/SM 963 Luigi Muscat
1934 - 2019
1953 - 1980



Ex PC 421 Paul Cutajar
1949 - 2019
1967 - 1992



Ex PC 1027 Anthony Gouder
1939 - 2019
1957 - 1975



Ex 2/SM 548 Joseph Vassallo
1928 - 2019
1946 - 1978



Ex PC 847 Paul Borg (Gozo)
1929 - 2019
1951 - 1977



Ex PS 1379 Mario Grech
1949 - 2019
1976 - 1981




**BOV INVESTMENT FUNDS**

**2122 7311**
**bovassetmanagement.com**

BOV Branches/Investment Centres
& Licensed Financial Intermediaries

BOV ASSET MANAGEMENT
A MEMBER OF THE BOV GROUP

Past performance is not necessarily a guide to future performance. The value of the investment can go down as well as up. Investments should be based on the full details of the Prospectus, Offering Supplement and the Key Investor Information Document which may be obtained from BOV Asset Management Limited, Bank of Valletta p.l.c. Branches/Investment Centres and other Licensed Financial Intermediaries. BOV Asset Management Limited is licensed to provide Investment Services in Malta by the MFSA. The BOV Investment Funds is a common contractual fund licensed by the MFSA as a collective investment scheme pursuant to the Investment Services Act and the UCITS Directive.

Issued by BOV Asset Management Limited, registered address 58, Triq San Żakkarija, Il-Belt Valletta VLT 1130. Tel: 2122 7311, Fax: 2275 5661, Email: infoassetmanagement@bov.com, Website: www.bovassetmanagement.com. Source: BOV Asset Management Limited.


Experience Esplora
EXPLORE | THINK | IMAGINE
Science Shows | Workshops | Planetarium Shows | Exhibits | Special Events
For more information call us on 2360 2300
esplora®
www.esplora.org.mt
ESPLORA | Interactive Science Centre
Villa Bighi, Kalkara, KKR 1320, Malta
Quality assured
VISITOR ATTRACTION
Esplora Interactive Science Centre was part financed by ERDF